# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 7**

**Citazzjoni numru 1084/06 JZM**

**Avukat Ann Fenech kif debitament awtorizzata bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Kaptan Alfred Fremal u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2011 il-Kaptan Alfred Fremal assuma l-atti minflok il-mandatarja Avukat Ann Fenech**

**v.**

**Il-Bastiment Gran Michelangelo proprjeta` tas-socjeta` estera Soc G&C srl; u**
**Dr Mark Busuttil u PL Luisa Tufigno nominati b'digriet tat-28 ta' Dicembru 2006 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` estera Soc. G&C srl u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2007 is-socjeta` Fish and Fish Limited C – 14268 assumiet l-atti tal-kawza ghas-socjeta` estera Soc. G&C srl u b'digriet tas-16 ta' April 2007, il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet tal-14 ta' Lulju 2011 ordnat is-sostituzzjoni tal-kuraturi Dr Mark Busuttil u PL Luisa Tufigno b'Joseph Caruana u David Azzopardi bhala mandatarji tas-socjeta` estera G&C srl u dan b'effett mit-13 ta' Gunju 2007; u s-socjeta` Maltija Fish and Fish Limited (C 14268)**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli: <u>appell principali</u> maghmul mis-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited, u <u>appell incidentali</u> maghmul mill-attur il-Kaptan Alfred Fremal mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti] fis-17 ta' Settembru 2013 [is-sentenza appellata] li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited u cahdet dawk l-eccezzjonijiet l-ohra li jirrigwardaw l-istess socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited, laqghet dawk mill-eccezzjonijiet li jirrigwardaw is-socjeta` konvenuta Soc. G&C S.r.l. u lliberatha mill-osservanza tal-gudizzju, u lliberat ukoll mill-osservanza tal-gudizzju lill-bastiment 'Gran Michelangelo'. Inkwantu ghat-talbiet attrici, l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, laqghet l-ewwel u t-tielet talbiet fil-konfront biss tas-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited, laqghet it-tieni talba kif ukoll ir-raba' talba u llikwidat id-danni tal-attur fis-somma ta' mitejn u sebghin elf, mitejn u seba' Euro (€270,207), filwaqt li laqghet il-hames talba u kkundannat lis-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited sabiex thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €270,207 in linea ta' danni bl-imghax legali b'effett mid-data tas-sentenza kif ukoll ikkundannat lill-istess socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Talbiet**

2. It-talbiet tal-attur huma s-segwenti:

"1. Tiddikjara li l-bastiment 'Capitan San Marco' sofra danni konsiderevoli b`kagun tat-tort tal-konvenuti.

"2. Tiddikjara li minhabba dan ir-rikorrent sofra danni sostanzjali.

"3. Tiddikjara li l-bastiment 'Gran Michelangelo' u/jew is-sid tieghu u/jew Fish & Fish Ltd solidalment jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent.

"4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent jekk hemm bzonn bin-nomina ta` periti sabiex jassistu lil din l-Onorabbli Qorti.

"5. Tordna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihallas id-danni lir-rikorrent kif likwidati.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` qbid u tal-mandat ta` mpediment ta` partenza u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

**Mertu**

3. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qed ifittex dikjarazzjoni illi l-konvenuti jahtu ghad-danni sofferti fil-bastiment tieghu bl-isem 'Capitan San Marco' meta skont hu, il-bastiment bl-isem 'Gran Michelangelo' proprjeta` tas-socjeta` konvenuta Soc. G&C S.r.l u operat mis-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited, qata' c-cimi tieghu u baqa' diehel fl-imsemmi bastiment tieghu bhala rizultat tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' hsieb tas-sidien u operaturi tal-bastiment 'Gran Michelangelo'. L-attur jitlob ukoll il-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti fil-bastiment kif ukoll danni in linea ta' telf ta' qligh.

4. Il-konvenuti fir-risposta guramentata taghhom issollevaw eccezzjoni preliminari fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited li giet michuda b'sentenza in parte moghtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta' April 2008. Fil-mertu, il-konvenuti laqghu ghall-azzjoni b'diversi eccezzjonijiet fejn cahdu li kien hemm xi negligenza da parti taghhom u sostnew illi fil-maltemp iz-zewg bastimenti nhallu mill-irmiggi taghhom u soffrew hsarat meta inkaljaw ma' xulxin. Il-konvenuti jichdu li kellhom xi responsabbilita` ghal dan l-akkadut ukoll billi jsostnu li l-bastiment 'Gran Michelangelo' inhall mill-parti tal-irmigg ta' qiegh il-bahar, filwaqt illi l-bastiment tal-attur qata' c-cimi tieghu mill-parti ta' fuq u kwindi minhabba negligenza da parti tal-istess attur, u in segwitu l-istess konvenuti pprocedew b'azzjoni ghad-danni kontra l-attur permezz ta' proceduri separati li gew mismugha kontestwalment ma' din il-kawza.

5. In propositu, jirrizulta li permezz ta' dikjarazzjoni li saret fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2007, id-difensuri tal-partijiet qablu li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza Numru 7/2007 fl-ismijiet **Fish and Fish Limited et v. Avukat Ann Fenech nomine et**, filwaqt illi permezz ta' verbal registrat waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2011, il-partijiet qablu li l-provi kollha li nstemghu fl-imsemmija kawza Numru 7/2007 u l-kawza Numru 832/2006 fl-ismijiet **Dieter Achelstetter v. Il-Bastiment Gran Michelangelo**, ikunu jghoddu bhala prova wkoll ghall-fini ta' din il-kawza.

## Is-Sentenza Appellata

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

**"II. Responsabilita`**

**"1. Generali**

**"L-atti tal-process ta` din il-kawza jaqbzu l-1,100 pagna. Maghhom iridu jinghaddu l-atti tal-kawzi *Achtelstetter vs M/V Gran Michelangelo (Rik. Gur. Nru. 832/06)* u *Fish and Fish Ltd et vs Avukat Ann Fenech et (Rik. Gur. Nru. 7/07)* ghaliex il-partijiet fit-tliet kawzi, bl-adezjoni tal-Qorti, qablu illi kull prova li tingabar f`kawza tkun tghodd bhala prova fl-ohrajn.** Konsiderevoli fl-ghadd kienu provi li kienu karatterizzati mhux biss minn xiehda dettaljati u kontroezamijiet serrati izda anke mill-produzzjoni ta` kwantita` ta` ritratti u dokumenti ohra.

**"Ma tressaq l-ebda xhud li ra l-habta bejn id-dghajjes in kwistjoni**. L-unici xhieda li bir-rakkont taghhom qarrbu l-aktar ghall-hin tal-incident kienu Raymond Bugeja u Dieter Achtelstetter, dan tal-ahhar sid tal-*Ocean Lady.* Diversi kienu l-persuni li xehdu dwar dak li gara wara l-incident. Xehdu wkoll persuni esperti fil-qasam taghhom. Ghal dawn il-provi, il-partijiet ghamlu ampja riferenza fin-noti ta` sottomissjonijiet twal u dettaljati taghhom. A skans ta` ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-provi fl-assjem taghhom.

**"2. Fatti**

"L-attur huwa s-sid tal-bastiment *Capitan San Marco* ("*Capitano San Marco").* Is-socjeta` konvenuta estera G & C srl hija s-sid tal-bastiment *Gran Michelangelo* ("*Gran Michelangelo*"). Is-socjeta` konvenuta Fish & Fish Limited hija l-operatur tal-*Gran Michelangelo* u responsabbli ta` l-irmigg tieghu – fatti **mhux kontestati** minn din is-socjeta` konvenuta – ara n-nota taghha. Dieter Achtelstetter huwa s-sid tal-bastiment *Ocean Lady* ("*Ocean Lady*"). Il-kontendenti fil-kawza tal-lum huma : a) l-attur ; b) il-konvenut *Gran Michelangelo* ; c) il-konvenuta G & C srl ; **u** d) il-konvenuta Fish & Fish Limited.

"Il-Qorti taghmel riferenza ghal Dok AV1 u Dok JC1. Dan tal-ahhar juri kif kienu posizzjonati t-tliet dghajjes **qabel** l-incident.

"Il-*Capitan San Marco* huwa *sailing boat* ta` 100 tunellata. Kien f`nofs il-bajja ta` Marsaxlokk. Skond l-attur, kien marbut mal-baga tieghu fuq erbat ihbula (*mooring ropes*). It-tul ta` bejn il-hbula u l-bastiment kien

ta` circa 17-il metru. Tnejn mill-hbula kienu ta` 36 mm kull wiehed u kienu marbuta fuq kull naha tal-pruwa (i.e. fuq quddiem), habel iehor ta` 42 mm kien marbut fuq il-*port side* (i.e. fuq il-genb tal-bastiment li jigi fuq ix-xellug meta thares lejn il-pruwa) u habel iehor ta` 100 mm fuq l-*starboard side* (i.e. fuq il-genb tal-bastiment li jigi fuq il-lemin meta thares lejn il-pruwa). L-erbat ihbula kienu marbuta ma` katina li kienet mwahhla ma` blokka tal-konkos li kienet f`qiegh il-bahar. Il-katina kienet qeghda tinzamm `il fuq permezz ta` baga. Kien hemm ukoll *preventor rope* li jintuza biex taqbad il-baga qabel torbot maghha. Kien hemm ukoll qafla li torbot il-hbula fuq il-port side mal-baga halli l-hbula ma jithabblux mal-katina meta d-dghajsa ddur effett tar-rih. Il-mod kif kien l-irmigg tal-*Capitan San Marco* huwa kontestat mill-konvenuti ghaliex isostnu li l-attur kien jorbot *qasir*, mhux bl-erbat ihbula, bi hbula irqaq milli semma l-attur, u bi hbula minghajr plastic protettiv li jipprotegi l-hbula milli jhokku mal-pruwa tal-istess bastiment.

"Aktar `il barra mill-*Capitan San Marco*, fuq quddiem lejn ix-xellug, madwar 180 metru boghod, kien hemm il-*Gran Michelangelo* marbut ma` baga safra. Il-GM ghandu stazza ta` 75 tunellata. Il-baga kienet marbuta ma` qiegh il-bahar permezz ta` katina ohra.

"L-*Ocean Lady* kienet ormeggjata lura mill-*Capitan San Marco* fuq ix-xellug.

"Skond ir-rapport tat-temp ghal dak il-lejl, ir-rih sal-10.45 p.m. tat-13 ta` Dicembru 2005 kien mill-Grigal. Bejn l-10.45 p.m. sas-12.45 a.m., ir-rih dar ghal-Lvant. Bejn s-12.45 a.m. sas-1.45 a.m., ir-rih dar ghal Xlokk. <u>Bejn is-1.45 a.m. sal-4.15 a.m., ir-rih dar ghal Nofsinhar</u>. U bejn l-4.15 a.m. u l-5.15 a.m., ir-rih kien Nofsinhar / Xlokk. Bejn il-10.45 p.m. u s-1.15 a.m. ir-rih lahaq l-40 kmfs b`*gusting speeds* ta` 55 kmfs. Bejn s-1.45 a.m. u l-4.15 am is-sahha tar-rih varjat minn 15 kmfs fis-1.15 a.m. ghal 25 kmfs fl-4.15 a.m.

"Billi ma tressaq l-ebda xhud tal-incident, id-dinamika tista` tigi stabbilita minn numru ta` fatturi <u>fosthom</u> (<u>izda mhux biss</u>) id-direzzjoni tar-rih, is-sahha tar-rih, fejn instabu t-tliet bcejjec tal-bahar wara l-incident, il-hsara li kellhom u l-qaghda tal-hbula, bagi, ktajjen u attrezzi ohra taghhom.

"Id-Dok JC2 juri kif spiccaw it-tliet bcejjec tal-bahar wara l-incident.

"Wara l-incident, il-*Capitan San Marco* u l-*Gran Michelangelo* instabu fil-parti l-baxxa tal-bajja ta` Marsaxlokk maghrufa bhala *Il-Maghluq* mwahhlin ma` xulxin u bejniethom l-*Ocean Lady.* Il-wires li kienu qeghdin jorbtu l-arblu ta` quddiem tal-*Capitan San Marco* mal-pupress (*bowsprit*) li johrog `il barra mill-pruwa spiccaw mhabbla mal-katina tal-baga tal-*Gran Michelangelo.* Il-*Capitan San Marco* spicca minghajr pupress. Kif il-wires inqatghu, il-*Gran Michelangelo* nhall minn mal-parti ta` quddiem tal-*Capitan San Marco*. Il-*Gran Michelangelo* baqa` marbut mill-pruwa mal-baga tieghu li maghha kien hemm parti mill-

katina li qabel l-incident kienet qed izzomm il-baga ma` qiegh il-bahar. Mal-baga tal-*Gran Michelangelo* kien maqbud l-*Ocean Lady.*

**"3. <u>Dritt</u>**

"Bhala konsiderazzjoni ta` dritt, fin-nota tieghu, l-attur jaghmel riferenza ghall-**<u>Art 347 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234)</u>** li jaqra hekk –

> ""Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u ghal kull eskluzjoni jew limitazzjoni ohra provduta bil-ligi dwar il-garr ta' merkanzija jew xort'ohra, is-sid ta' bastiment ikun responsabbli ghall-obbligi kollha kuntratti mill-kaptan dwar il-bastiment, u jkun responsabbli ghal kull danni li jigri b`ghemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment."

"L-obbligu li ghalih qeghda tirreferi din id-disposizzjoni jezisti in kwantu l-kaptan, bhala l-persuna responsabbli ghall-bastiment, ghandu wkoll ir-rappresentanza ta' sid il-bastiment u jorbot lis-sidien sakemm ma jmurx oltre l-obbligi u d-dmirijiet imposti jew koncessi lilu. Daqstant ighodd <u>in linea generali</u>. Dan il-principju pero` <u>ma japplikax</u> meta jsir *charter* ta` l-bastiment b`mod li johrog mill-kontroll tas-sid, bil-kaptan u l-crew jinhatru mic-*charterer*. Meta sid il-bastiment ghandu l-kontroll effettiv, tramite l-kaptan, dan jista' u ghandu jigi kunsidrat bhala l-"*carrier*" hlief f'dawk l-okkazjonijiet meta c-cirkostanzi jkunu juru li dan mhux il-kaz. Din pero` hija eccezzjoni ghar-regola u bhala tali hu mistenni li meta sid il-bastiment jallega sitwazzjoni simili, trid tingieb prova cara u inekwivoka, li turi li r-responsabbilita` ma hijiex tieghu.

"Fin-nota tieghu, l-attur jirreferi wkoll ghall-**<u>Art 1031 tal-Kap 16</u>**.

"Huwa evidenti mill-mod kif tfasslu l-kawzali u t-talbiet illi dik attrici hija kawza fejn l-attur qed jimputa *culpa aquiliana* lill-konvenuti –solidament jew min minnhom – ghad-danni li jallega li sofra bhala konsegwenza tal-hsara li l-*Capitan San Marco* garrab fil-Bajja ta` Marsaxlokk fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Dicembru 2005.

"L-**<u>Art 1031 tal-Kap 16</u>** jistabilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.

"Il-ligi taghna ma taghtix tifsira ta` *culpa* izda bhala effett tal-**<u>Art 1032(1) tal-Kap 16</u>** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias.* Din id-disposizzjoni tikkorrispondi fil-kamp penali mal-Art 225 tal-Kap 9 li jitkellem dwar imgieba gejja minn nuqqas ta' hsieb, minn traskuragni, jew minn nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew minn nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

"Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuz ; "*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-*culpa* : "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*"

"Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Awissu 1965 fil-kawza "**Spiteri pro et noe vs Castle"** din il-Qorti (**PA/MCC**) ittrattat id-differenza fuq il-pjan guridiku bejn *culpa aquiliana* u *culpa ex contractu.* In partikolari dwar *culpa aquiliana* rrilevat illi "*il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici …* Dwar il-grad ta` *culpa*, il-Qorti fissritu bhala `*dak il-grad ta' colpa li jonqos mill- "istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias".*

**"4. Oneru tal-prova**

"Hu kompitu tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tasal biex tistabilixxi l-fondatezza tat-talbiet attrici, wara li tkun qieset il-linja difensjonali li jkunu hadu l-konvenuti. Huwa principju fondamentali tal-ligi rikonoxxjut bl-**Art 561 tal-Kap 12** illi l-obbligu tal-prova ta` l-fatt imiss dejjem lil min jaghmel l-allegazzjoni ta` dak il-fatt. Kwindi l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur : *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

"Fil-kawza tal-lum, il-kumpless tal-provi kien ikkaratterizzat minn verzjonijiet kontrastanti dwar l-akkadut li taw il-partijiet. Fuq spallejn il-Qorti huwa ripost il-kompitu li ssib *tarf tal-kobba*. F`cirkostanzi bhal dawn u cioe` meta l-Qorti tkun rinfaccjata b`verzjonijiet konfliggenti, il-kaz bosta drabi jirriduci ruhu ghal wiehed ta' kredibilità u verosomiljanza tal-versjonijiet.

"Fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Bugeja vs Meilak**" (**PA/TM**) deciza fit-30 ta` Ottubru 2003 kien citat bran mis-sentenza li l-istess Qorti (**PA/MCC**) kienet tat fl-24 ta' Novembru 1966 fil-kawza "**Farrugia vs Farrugia**". Hemm kien riaffermat il-principju illi l-konflitt tal-provi

huwa fatt li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghalih. F`sitwazzjoni ta` dik ix-xorta, li l-Qorti trid taghmel huwa illi tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

"Din il-Qorti trid tghid illi fil-kaz tal-lum, hemm cirkostanzi **partikolari** relatati mal-ubikazzjoni tal-bastimenti fil-Bajja ta` Marsaxlokk fil-waqt tal-incident, u ma` l-kondizzjonijiet tat-temp (specjalment tar-rih), u allura fatti **oggettivi** li, fil-fehma tal-Qorti, se jiswew sabiex tkun tista` tizen l-assjem tal-provi, `il hinn minn apprezzament riduttiv ta` stqarrijiet kontrastanti.

**"5. Konkluzjonijiet**

"It-tesi tal-attur hija fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Dicembru 2005, inqatghet il-katina tal-hadid li kienet tghaqqad il-baga tal-*Gran Michelangelo* ma` qiegh il-bahar. Mal-baga kien marbut mill-pruwa l-*Gran Michelangelo.* Il-katina nqatghet ghax kienet mgherrija. Wara l-*Gran Michelangelo* mar fuq il-*Capitan San Marco*, li ma felahx fuqu t-toqol tad-dghajsa l-ohra, bil-konsegwenza li nqatghu l-hbula tal-*Capitan San Marco.* Dan tal-ahhar inqabad mal-*Gran Michelangelo* u t-tnejn spiccaw qabdu bejniethom lill-*Ocean Lady.*

"It-tesi tal-konvenuti hija fil-maltemp li nqala` matul dak il-lejl partikolari, il-*Gran Michelangelo* u l-*Capitan San Marco,* it-tnejn li huma, nhallu mill-irmiggi taghhom u spiccaw inkaljaw f`xulxin, bid-differenza illi, skond il-konvenuti, il-*Gran Michelangelo "ccaqlaq"* (kliem il-konvenuti) mill-parti tal-irmigg ta` qiegh il-bahar minghajr htija tal-konvenuti, waqt li l-*Capitan San Marco* nhall ghaliex qata` c-cimi billi, skond il-konvenuti, ma kienux idoneiji, u kwindi bi htija tal-attur. Sa ma spiccaw fil-*Maghluq,* l-*Ocean Lady* inqabad bejn il-*Gran Michelangelo* u l-*Capitan San Marco.*

**"Biex tasal ghal liema mit-tesijiet hija l-aktar verosimili u probabbli, il-Qorti trid tqis l-assjem tal-provi. Qalb stqarrijiet kontrastanti, trid tfittex dak illi huwa l-aktar attendibbli. Ma tasalx ghal accertament tajjeb, jekk toqghod tfittex id-dettall u l-irqaqat. Id-dinamika ta` incident, imbaghad incident fuq il-bahar, bejn tliet dghajjes minghajr nies fuqhom, ghax kienu ormeggjati, tiehu xejra partikolari. Il-posizzjoni tal-impatti – pruvati jew presunti – ghandha importanza relattiva ghaliex dak il-hin, taht rih qawwi, u bl-imbatt, l-andatura tad-dghajjes tista` tiehu xejra differenti minn dak li wiehed jista` janalizza, jifhem, jirraguna jew jissupponi. U huwa fatt illi l-bahar huwa mprevedibbli. Bidla fis-sahha tar-rih jew fid-direzzjoni tieghu taghmel id-differenza – kif gara fil-kaz tal-lum. U man-natura ma hemmx logika ; ghandu jkun hemm biss prudenza, galbu, previdenza u fuq kollox diligenza. Il-Qorti**

**qeghda tghid dan kollu sabiex twiegeb mill-ewwel ghall-herqa – kwazi esagerata – li wrew il-partijiet fin-noti taghhom sabiex kwazi kwazi litterament "*jippjantaw*" id-dinamika tal-incident donnhom fuq xi *drawing board.* Il-provi jrid jitqiesu fil-kuntest taghhom. Fehmiet abbazi tal-provi jridu jigu espressi. Pero` r-responsabilita` ma tigix determinata fuq supposizzjoni, ipotesi jew possibilita`. Tigi stabbilita fuq provi verosimili u attendibbli li jirrendu d-determinazzjoni tar-responsabilita` probabbli – naha jew ohra – specjalment meta tkun sorretta minn element qawwi ta` oggettivita`.**

"Din il-Qorti taghti affidament lix-xiehda ta` Raymond Bugeja ("Bugeja"). Ambigwa kienet ir-reazzjoni tal-konvenuti ghax-xiehda tieghu. Min-naha wahda, jippruvaw jitfghu dell fuq il-kredibilita` tieghu semplicement ghaliex ighidu li Raymond Bugeja jigi hu l-mara tal-attur. Min-naha l-ohra, il-konvenuti ma joqghodux lura milli jiccitaw mix-xiehda ta` Bugeja meta, fil-fehma taghhom, tkun taghti sostenn lill-verzjoni taghhom. Il-konvenuti jridu jaghzlu : jew dak li xehed Bugeja huwa attendibbli jew mhuwiex ; ma hemmx triq tan-nofs. Din il-Qorti tghid li Bugeja huwa xhud kredibbli. Kien l-ahhar xhud li ra d-dghajjes qabel l-incident. U l-ewwel xhud li ma lemahx aktar id-dghajjes fejn kien rahom l-ahhar.

"Bugeja jsemmi tliet *time frames* : l-10.00 p.m. : sa dak il-hin, id-dghajjes kienu fil-posizzjoni li hallewhom il-partijiet ; is-1.00 a.m. : dak il-hin osserva illi l-*Gran Michelangelo* kien iccaqlaq mill-posizzjoni tieghu waqt li l-*Capitan San Marco* kien ghadu f`postu ; u l-5.00 a.m. meta ma rax aktar id-dghajjes fejn kien halliehom l-ahhar. Dwar it-tieni *time frame* il-konvenuti jikkummentaw a fol 846 illi dak li ra Bugeja jaghti ragun lilhom fis-sens, skond il-konvenuti, illi Bugeja ra lill-*Gran Michelangelo* diehel `il gewwa fil-hin li l-*Capitan San Marco* kien ghadu f`postu, li jfisser li d-direzzjoni tal-mewg kienet min-Nofsinhar, li ghall-konvenuti ma setax ikun mod iehor ghaliex il-*Gran Michelangelo* qatt ma mar lejn il-*Capitan San Marco*

"L-osservazzjonijiet ta` Bugeja ma sarux b`kumbinazzjoni jew b`kapricc izda ghax kellu interess <u>dirett</u> mhux daqstant fil-*Capitan San Marco* izda fid-dghajsa tieghu *Ta` Mattew* li kienet ormeggjata fil-prossimita` tad-dghajjes l-ohra. Mela kien fl-interess tieghu li josserva kollox bl-akbar cirkospezzjoni. Dak kollu li Bugeja rrelata illi ra ma kenitx xi illuzjoni ottika izda accertament fattwali mhux ta` persuna kwalunkwe izda ta` sajjied ta` esperjenza.

"Minn Bugeja nafu li fis-1.00 a.m., il-*Gran Michelangelo* kien iccaqlaq. Skond ir-rapport tat-temp, nafu wkoll li sas-12.45 a.m. kien hemm rih qawwi gej mil-Lvant u li dar Xlokk sas-1.45 a.m. Li kieku l-ormeggi tal-*Gran Michelangelo* u tal-*Capitan San Marco* inqatghu (<u>kif isostnu l-konvenuti</u>) flimkien jew fl-istess waqt, bir-rih kif kien dak il-hin li Bugeja rrelata dak li kien ra, it-tnejn kienu jispiccaw mhux fil-*Maghluq* izda mal-waterpolo pitch ta` Marsaxlokk.

"Din il-Qorti hija konvinta li l-qtugh tac-cimi taz-zewg dghajjes ma sehhx fl-istess waqt, kif jallegaw il-konvenuti, izda fi zminijiet differenti, bil-*Gran Michelangelo* jaqta` l-ewwel.

"Il-*Gran Michelangelo* qata` l-ewwel meta r-rih kien Lvant / Xlokk. Ma marx pero` lejn il-pitch tal-waterpolo izda qorob lejn il-*Capitan San Marco.* Nafu li l-*Gran Michelangelo* kien qieghed jiddriftja bil-maga marbuta mal-irbit tal-pruwa u mal-baga bicca sewwa mill-katina li kienet inqatghet. Hekk kif dar ir-rih ghal Nofsinhar – nafu li dan kien wara s-1.45 a.m. u allura mhux wisq wara li l-*Gran Michelangelo* qata` c-cimi – sab l-ostakolu kostitwit mill-*Capitan San Marco.* Mela filwaqt illi din il-Qorti teskludi li z-zewg dghajjes qatghu c-cimi fl-istess waqt, filwaqt illi tqis bhala probabbli li l-*Gran Michelangelo* qata` c-cimi l-ewwel meta r-rih kien Lvant / Xlokk, tghid illi l-iskontru mal-*Capitan San Marco* sehh meta r-rih kien Nofsinhar.

"Huwa accertat illi d-dghajjes ma spiccawx hdejn il-pitch tal-waterpolo ta` Marsaxlokk izda fil-*Maghluq.* Ghalkemm kollox possibbli, il-probabilita` hi li d-dghajjes kienu jispiccaw hdejn il-pitch tal-waterpolo ta` Marsaxlokk li kieku fil-hin tal-iskontru, ir-rih kien gej mix-Xlokk / Lvant. Biex id-dghajjes spiccaw fil-*Maghluq* il-probabilita` hi li meta l-*Gran Michelangelo* qata` c-imi tal-*Capitan San Marco* u sar l-impatt, l-incident gara meta r-rih qawwi kien gej min-Nofsinhar. Hemm ix-xiehda din id-darba ta` Dieter Achtelstetter li jaghti l-hin approssimattiv li fih sema` d-daqqa f`nofs il-bajja meta r-rih kien min-Nofsinhar. Id-daqqa u d-direzzjoni tar-rih huma <u>fatti mhux illuzjoni</u>.

"Din il-Qorti sejra tkompli tinsisti fuq l-ipotesi prospettata mit-tesi tal-konvenuti illi l-*Gran Michelangelo* u l-*Capitano San Marco* <u>flimkien</u> inqatghu minn mal-irmigg taghhom, u dan fil-kuntest ta` dak li qal l-attur bil-maqlub. Din il-Qorti taccerta lill-partijiet illi hasbet fit-tul dwar dan l-aspett importanti tad-dinamika tal-incident u tghid b`konvinzjoni illi l-verzjoni tal-fatti kif prospettata mill-attur hija aktar versosimili minn dik tal-konvenuti.

"Li kieku z-zewg dghajjes telqu <u>flimkien</u> minn fuq l-irmigg taghhom, bir-rih jonfoh qawwi mil-Lvant / Xlokk kienu jispiccaw hdejn il-pitch tal-waterpolo ta` Marsaxlokk. Mhux hekk kien il-kaz. Li kieku t-tnejn <u>flimkien</u> Qatghu c-cimi meta r-rih kien min-Nofsinhar, il-probabilita` hija li ma kienx ikun hemm habta – lanqas mal-*Ocean Lady.* Il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-posizzjoni li kienu d-dghajjes fil-bajja qabel l-incident. Bil-*Gran Michelangelo* posizzjonat `il quddiem mill-*Capitano San Marco,* u bit-tnejn mhux marbuta, il-probabilita` kienet tkun, bir-rih min-Nofsinhar, li kienu jevitaw lil xulxin ghax ir-rih kien qed jonfoh minn fuq il-bokka tal-bajja lejn il-*Maghluq.* Il-*Capitano San Marco* kien jitlaq `il quddiem u *se mai* il-*Gran Michelangelo* kien jaghmel l-istess pero` kien jibqa` wara. <u>Din il-Qorti terga` tghid kollox huwa possibbli pero` hi trid tiddeciedi fuq il-probabbli</u>.

"Il-konvenuti ghamlu sforz qawwi biex jisiltu prova tar-ragunijiet taghhom b`riferenza ghall-posizzjoni tal-hsarat. Din il-Qorti tghid illi f`dawk il-kondizzjonijiet tat-temp hazin li kienu dakinhar huwa prattikament difficli tghid *fejn habat ma` xiex*. Nafu zgur fic-cert – ghax dan ikkostatu l-Qorti stess de visu waqt l-access – illi l-hsarat – specjalment tal-*Capitan San Marco* – kienu estensivi. Wiehed jista` jaghmel lista ta` ipotesijiet pero` dawk mhumiex provi.

"Id-dinamika imfissra mill-attur taghti affidament. Il-*Gran Michelangelo* fuq quddiem, *wara* li nqatghet il-katina tal-irmigg tieghu, mar fuq l-irmigg tal-*Capitan San Marco.* Billi r-rih lahaq dar ghal Nofsinhar, l-uniku direzzjoni li seta` jiehu l-*Gran Michelangelo,* b`li jsib quddiemu, kien li jmur lejn il-*Maghluq.* Il-*Gran Michelangelo* garr mieghu l-irbit li kellu mill-pruwa mal-baga u dak li fadal marbut mill-katina mal-baga tieghu. L-assjem tal-provi juri illi fil-hin li l-*Gran Michelangelo* beda sejjer lejn Nofsinhar, wara li r-rih bidel id-direzzjoni, il-*Capitan San Marco* kien ghadu mal-irmigg tieghu. L-impatt kien qawwi, anzi qawwi hafna, u cioe` tal-*Gran Michelangelo* jidhol fuq il-*Capitan San Marco.* Minn hemm `il quddiem il-konsegwenzi huma ben noti. Il-hbula li kienu marbuta mal-pruwa tal-*Capitan San Marco* nstabu fuq il-*Gran Michelangelo* wara l-incident aktar tard fil-jum qalb *debris* ta` hbula ohra u wires. Ir-ritratti esebiti juru kjarament l-effetti tal-iskontru u kif spiccat involuta l-*Ocean Lady.*

"Stabbilit u accertat illi d-dinamika tal-incident kif ippruvata mill-attur hija aktar verosimili minn dik prospettata mill-konvenuti, din il-Qorti sejra tghaddi ghall-accertament tar-responsabilita`.

"Il-konvenuti ma ddefendewx ruhhom mill-azzjoni attrici billi nvokaw il-*force majeur* u kwindi l-Qorti sejra tiddeciedi jekk l-incident u l-konsegwenzi tieghu kienux frott ta` negligenza.

"Il-konvenuti jiddefendu l-posizzjoni taghhom billi jghidu li l-hbula li ghazel l-attur biex jorbot bihom il-*Capitan San Marco* mal-baga tieghu kienu rqaq, mhux tajbin ghal dak l-uzu, minghajr protezzjoni u f`qaghda skadenti. Jekk wiehed iwarrab fil-genb dak li xehdu persuni – direttament jew indirettament – relatati mal-partijiet, mhux hekk qalu l-esperti. Skond l-Ing. Amato, il-*Capitan San Marco* kellu *double mooring system*. Il-habel irqieq li dwaru saret insistenza mill-konvenuti kien il-*preventor rope* mhux il-*mooring rope*s. L-Ing Amato sab illi wiehed mill-hbula tal-*Capitan San Marco* li kien ta` 100 mm kien f`kondizzjoni tajba bizzejjed biex jiflah ghall-kondizzjonijiet tar-rih u tal-bahar. Il-Kaptan Jimmy Dalli esprima fehma diversa. Din il-Qorti tirrileva biss li l-Kaptan Dalli fassal l-opinjoni tieghu fuq ritratti mhux fuq kostatazzjoni *de visu.* Il-hbula ta` l-*Capitan San Marco* kienu ghadhom kollha fuq il-bastiment meta sar l-access.

"Min-naha l-ohra, huwa fatt stabbilit u accertat illi kienet il-katina tal-irmigg tal-*Gran Michelangelo* li *gave way* ghax wahda (jew aktar mill-holoq) cediet. A fol 841, il-konvenuti jaccettaw illi *Gran Michelangelo*

baqa` marbut mal-irmigg tieghu, u ccaqlaq biss ghaliex il-katina tieghu cediet minn holqa partikolari madwar 30 metru katina `l isfel fl-irmigg ta` qiegh il-bahar. Bla ma tidhol f'`ebda kwistjoni ta` *strict liability* ghax mhuwiex il-kaz din il-Qorti tghid illi kieku tassew kien hemm previdenza mwettqa fil-prattika wiehed kien isib illi dik il-katina ma kenitx fi stat tajjeb. Din il-Qorti ghandha quddiemha r-ritratti tal-katina maqtugha u l-fehmiet tal-esperti. U din il-Qorti *in piena autonomia* tghid illi dik il-katina fl-istat li rrizultat kienet qeghda tistieden l-inkwiet u dak l-inkwiet wasal – b`xorti hazina ghal kulhadd specjalment ghall-partijiet. Is-sadid ma kienx jinkwieta daqstant lil din il-Qorti ; del resto si trattava ta` hadid immers *in acqua salata.* Pero` holoq miksura huwa inaccettabbli – bl-akbar rispett ghall-fehma tal-esperti tal-konvenuti. U kienu l-holoq difettuzi jew miksura li gabu fix-xejn is-sahha tal-katina kontra l-forza tan-Natura – mhux bil-maqlub !

**"In kwantu ghar-<u>responsabilita`</u> tal-konvenuti, din il-Qorti teskludi li jista` jkun hemm responsabilita` solidali stante li fil-kaz tal-lum ma jirrizultawx il-parametri stabbiliti mil-ligi ghal responsabilita` ta` dak it-tip. In aggunta, din il-Qorti ghandha rasha mistrieha ghal kollox illi ma tistax issib responsabilita` ghall-akkadut la fil-bastiment *Gran Michelangelo* u lanqas fis-sidien tieghu propju ghaliex irrizulta bl-aktar mod <u>car u inekwivoku</u> illi kull ma gara dak il-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Dicembru 2005 ma kienx dovut ghal xi nuqqas da parti tal-bastiment jew tas-sidien tieghu, izda li <u>kull ma gara kien dovut unikament ghal nuqqas ta` l-konventa Fish and Fish Limited</u>, li rrizulta li kienet l-operatur tal-*Gran Michelangelo* u kellha l-kontroll effettiv (bin-nies taghha) ta` dak il-bastiment. Mhux biss izda Fish and Fish Limited kellha wkoll il-kontroll effettiv u l-piena responsabilita` tal-irmigg li maghha rabtet il-*Gran Michelangelo.* Tant hekk huma l-fatti accertati illi Fish and Fish Limited taccetta (ara fol 843) li meta n-nies taghha ezaminaw l-irmigg sabu li kien tajjeb ; fir-realta` mhux hekk kien il-kaz ghaliex sehh l-incident de quo. Irrizulta li l-katina li kienet qeghda tghaqqad il-baga ma` qiegh il-bahar kienet difettuza. U matul dak il-lejl il-katina nqatghet mhux bi sfortuna jew minhabba l-maltemp izda ghaliex ma kenitx mizmuma tajjeb kif seta` jigi kostatat. Huwa ghal kollox inutili li Fish and Fish Limited twahhal fl-ghaddasa li kellhom il-kompitu li jaccertaw l-ovvju ghaliex tibqa` hi responsabbli – kollha kemm hi – ghal dak kollu illi l-haddiema taghha naqsu milli jaccertaw u jirrimedjaw. Il-Qorti ma ssib l-ebda htija fl-attur ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu.**

**"Ikkunsidrat :**

**"III. <u>Danni</u>**

**"1. <u>Pretensjoni</u>**

“L-attur qieghed jippretendi risarciment ta` danni konsistenti fl-ispejjez involuti fit-tiswija tal-*Capitan San Marco* u t-telf li jallega illi garrab meta kien privat mill-uzu tal-yacht ghan-negozju tieghu.

**“2. <u>Provi</u>**

“Ghar-rigward ta` l-ewwel *head of damages* l-atturipprezenta stima tal-ispiza nvoluta sabiex issir it-tiswija tal-*Capitan San Marco.* L-istima ggib id-data tat-22 ta` Gunju 2006 u hija markata Dok AF3 (ara fol 8 u 9). L-ammont komplessiv huwa **<u>Lm 99,276.70c</u>**.

“Kien prezentat ukoll affidavit tal-Ing. Amato datat 8 ta` Ottubru 2008 (ara fol 322 sa fol 327). Dwar il-hsara tal-*Capitan San Marco* jghid hekk –

> ““I refer to an estimate prepared by myself on the 23rd June 2006 annexed hereto and marked JA11 together wirh various quotations that accompany this estimate. This document is a result of various consulations carried out myself with various local and foreign companies in order that I would be abele to provide a comprehensive estimate of the equipment that would need to be purchased to replace the damaged equipment that was found on the Capitan San Marco together with an estimate of the manual work required to bring the Captan San Marco to its previous workable state.
>
> “I declare that the quotations reflect the market value at the time of the report i.e. 23rd June 2006. With the current market conditions the estimates indicated indicated in the aforementioned reports including costs of raw materials, labour costings and man hours have without doubt increased. The report of the 23rd June 2006 quotes a final figure of Lm 100,000 (equivalent to circa €232,937). I would say all figures indicated in the report have increased by approximately 40% excluding VAT.”

“Ghar-rigward ta` t-tieni *head of damages* l-attur xehed illi bil-*Capitan San Marco* huwa kien jaghmel negozju ta` *chartering* u tahrig ta` *cadets*. Fl-2004, l-attur ighid illi kellu dhul ta` US$ 782,187.36 (jew **<u>€543,879.66</u>**) minn *chartering* bi nhar u bil-lejl, minn *commissions* mill-bejgh tal-bar, mill-iskola tal-ibburdjar u minn kiri tal-yacht ghall-gbid ta` *films* u reklamar. Biex isostni dik il-figura pprezenta d-Dok AV15 sa AV18. L-attur gie Malta mil-Libanu fix-xahar ta` Mejju 2005. Sas-27 ta` Novembru 2004 (ara fol 739 u fol 740) il-yacht kienet propjeta` bi shab bejnu u huh Jacques Fremal. B`effett minn dik id-data, id-dghajsa saret propjeta` tal-attur wahdu. Fil-Libanu l-attur ma kienx ihallas taxxa ghaliex din kienet tithallas minn kumpannija li l-ahwa Fremal kellhom bejniethom.

**“3. <u>Quantum</u>**

“Abbazi ta` dak li qieghed jinghad mill-attur fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu (ara fol 810), il-**<u>quantum</u>** tad-danni pretiz mill-attur jammonta bhala **<u>minimu</u>** ghal **<u>€869.991.32</u>** : in kwantu ghal €326,111.66 ghat-

tiswija tal-bastiment, somma kalkolata fuq il-prezz fis-suq tat-tiswija ghall-2006 awmentata b`40% ; u in kwantu ghal €543,879.66 bhala telf ta` qligh ghal sena wahda, figura kalkolata fuq id-dhul tal-2004.

**"4. Dritt**

"Bhala regola, id-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [**Kollez. Vol. XL.II.653**]. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi ma huwiex obbligat illi jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara [**Kollez. Vol. XXXVIII.I.249**]. Regola ohra daqstant iehor importanti hija li d-danneggjat ghandu jedd tar-*restitutio in integrum* b`mod li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz [ara – "**Zammit vs Calleja**" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Jannar 1977]. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta` Jannar 1973 fil-kawza "**Borg pro et noe vs Muscat**", "*l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn*".

"Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur jaghmel riferenza ghall-**Art 1045 tal-Kap 16** li jittratta l-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni. Is-subartikolu (1) huwa rilevanti meqjus il-mertu tal-kawza tal-lum. Skond din id-disposizzjoni, id-danneggjant irid iwiegeb relattivament ghall-kaz tal-lum : (a) ghat-*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara,* (b) *l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara,* u (c) *it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali.* Hemm ukoll l-**Art 1135 tal-Kap 16** li jistabilixxi illi "*id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b' mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qligh li jkun gie mtellef*".Fil-kaz ta' danni *ex culpa* ir-responsabilita` hi limitata ghal dawk id-danni li setghu jkunu prevedibbli mid-debitur (ara **Kollez. Vol. XXIX.I.927**)

**"Torrente** ("*Manuale di Diritto Privato*", 11 Ed., pag. 652) jirrikonoxxi illi "*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa … E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia … un ampio potere equitativo*". Anke fis-sistema guridika taghna, lill-gudikant hija rikonoxxjuta latitudini u diskrezzjoni dwar il-mod kif jasal ghal-likwidazzjoni tat-telf inkluz illi jdur ghal kriterji ta` ekwita`. Fis-sentenza ta` din il-Qorti tad-9 ta` Gunju 1972 fil-kawza "**Borg vs Valenzia noe**" kien inghad b`riferenza ghall-**Art 1045 tal-Kap 16** illi "*din id-disposizzjoni necessarjament u logikament thalli hafna fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-gudikant*".

"Kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skond parametri **oggettivi** ghaliex iregi l-principju *"compensatio lucri cum danno"*. Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol XXXV.III.615**, kien rikonoxxjut b`riferenza ghal dak li kienet qalet il-*Corte di Cassazione* Taljana illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*". Il-gudikant irid iqis illi l-attur huwa

obbligat illi jressaq kull prova dwar fatti li jkun edott minnhom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Fl-istess waqt il-gudikant, fuq l-iskorta tal-fattispeci tal-kaz, irid jipprovdi motivazzjoni ta` dak li ragonevolment wasslu ghal-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur* (ara **Kollez. Vol. XXIX.I.1285**).

**"5. Likwidazzjoni**

**"i) Spejjez tat-tiswija**

"Id-danni taht dan il-*head of damages* huma ben dokumentati u mhumiex kontradetti. Din il-Qorti sejra toqghod fuq l-ammont arrotondat ta` Lm 100,000 bhala figura basi. Billi l-uzu tad-dghajsa huwa ghal fini ta` negozju, din il-Qorti mhix sejra zzid it-taxxa fuq il-valur mizjud mal-quantum tal-ispejjes tal-tiswija. Fl-istess waqt, din il-Qorti ma taqbilx mat-*top up* ta` 40% li ghamel l-Ing. Amato ghaliex tqisu arbitrarju. Din il-Qorti taghzel li toqghod fuq kriterji oggettivi. Tifhem li l-attur seta` ma kellux flus mnejn johrog minn gewwa biex jaghmel it-tiswija tad-dghajsa. Tifhem ukoll li ma setax ikun pretiz mill-attur li jmur jiddejjen biex isewwi d-dghajsa. Ghalhekk l-ekwita` li hija kriterju ewlieni fil-likwidazzjoni tad-danni titlob illi l-figura basi ta` Lm 100,000 tigi aggustata skond l-Indici tal-Inflazzjoni mahrug mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika. L-istima saret fl-2006. Dik is-sena l-Indici tal-Inflazzjoni kien juri l-figura ta` 703.88. L-Indici ghas-sena 2013 ghadu mhux pubblikat. L-Indici ghall-2012 kien 810.16. Jekk wiehed joqghod fuq il-figura tas-sena l-ohra, effett tal-inflazzjoni, l-ispejjez tat-tiswija minn Lm 100,000 telghu ghal Lm 115,099. Biex taghti kont tal-inflazzjoni ghas-sena korrenti, il-Qorti sejra taggusta *arbitrio boni viri* l-figura ghal Lm 116,000 ekwivalenti ghal **€270,207**. Hija din is-somma li din il-Qorti sejra tillikwida bhala danni ghall-ispejjez tat-tiswija tal-*Capitan San Marco.*

**"ii) Telf ta` dhul**

"Fl-affidavit tieghu tal-25 ta` Marzu 2009 (fol 374 sa fol 376) l-attur fisser kif u ghaliex wasal biex ghamel talba ghal kumpens minhabba telf ta` negozju minhabba li kien privat mill-uzu tad-dghajsa fl-ammont ta` US$ 782,187.36. Ighid l-attur illi l-*Capitan San Marco …formed part of a business devoted to sea and maritime tourism which represented my sole source of income. Since the date of the incident i.e. 13th December 2005, I have been unable to operate my vessel.* Minn qari akkurat ta` dan l-affidavit jirrizulta li dik il-figura hija mahduma fuq ir-*revenue* generat fl-2004.

"Irrizulta li l-attur kien jopera bid-dghajsa fil-Libanu. Telaq mil-Libanu fl-2005 u gie Malta f`Mejju ta` dik is-sena. L-incident in kwistjoni gara f`Dicembru 2005. Irrizulta wkoll (ara fol 703) li d-dghajsa kienet propjeta` bi shab ma` huh Jacques Fremal fuq bazi ta` nofs kull wiehed. Saret propjeta` tal-attur wahdu b`effett mis-27 ta` Novembru 2004. Jacques Fremal miet fis-7 ta` Jannar 2005.

"Jirrizulta ppruvat illi fl-2004 il-*Capitan San Marco* kien gestit mil-Libanu ghan-negozju. Pero` rrizulta wkoll li sas-27 ta` Novembru 2004, ir-*revenue* li gab l-uzu kummercjali tal-bastiment ma marx ghall-beneficcju tal-attur wahdu ghaliex l-attur kien biss kompropjetarju ta` nofs il-bastiment.

**"Dan premess ghal fini ta` kjarifika, din il-Qorti tghid illi ma tistax tilqa` t-talba tal-attur skond dan il-*head of damages.***

**"Skond l-Art 1045 tal-Kap 16, l-attur ghandu jedd jigbor *it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali* waqt li l-Art 1135 tal-Kap 16 jitkellem dwar *qligh li jkun gie mtellef* li wkoll ifisser qligh attwali. Mela l-ligi mhijiex qeghda tipprospetta risarciment ghal telf ta` qligh potenzjonali.**

**"Issa mill-provi akkwiziti, ghalkemm jirrizulta li fl-2004 il-*Capitan San Marco* iggenera *revenue,* din il-Qorti m`ghandhiex prova ta` dhul attwali li l-bastiment kellu fl-2005. Ma ninsewx : Jacques Fremal ittrasferixxa nofs id-dghajsa lill-attur fis-27 ta` Novembru 2004 ; Jacques Fremal miet fis-7 ta` Jannar 2005 ; l-attur gie Malta matul Mejju 2005 ; u l-incident gara f'Dicembru 2005.**

**"Il-Qorti tistaqsi : jekk tassew il-bastiment hadem matul l-2005, ghaliex ma kenitx prezentata prova tad-dhul tieghu? Il-probabilita` hi li matul l-2005 il-Capitan San Marco ma ghamilx attivita` kummercjali li wassal ghall-qligh ta` flus. Tinsorgi domanda ohra : Ladarba mhux stabbilit bi prova skond il-ligi d-dhul attwali tal-*Capitan San Marco* matul l-2005, kif qatt jista` l-attur jippretendi li r-*revenue* li gab il-bastiment fl-2004 ikun jikkonstitwixxi ghalih telf attwali?**

**"Ghalhekk din il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni tal-attur kif dedotta ghaliex hija fattwalment u legalment insostenibbli."**

## L-Appelli

7. Is-socjeta` konvenuta Fish and Fish Limited ipprezentat l-appell taghha fis-7 ta' Ottubru 2013 u talbet lil din il-Qorti:-

"… tirriforma s-sentenza appellata in parte, tirrevoka contrario imperio d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti in parte u tikkonfermaha in parte billi tiddeciedi s-segwenti:-

> "**Tirrevoka** u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Fish and Fish Ltd issa appellant u tirrevoka u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha l-ohra li jirrigwardaw l-istess Fish and Fish Ltd.
>
> "**Tikkonferma** u tilqa' d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti minn dawk l-eccezzjonijiet li jirrigwardjaw il-kumpanija konvenuta Sc. G&C srl u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "**Tikkonferma u tillibera** wkoll mill-osservanza tal-gudizzju lill-Bastiment Gran Michelangelo.
>
> "**Tirrespingi u tirrevoka** contrario imperio l-ewwel u tielet talbiet fil-konfront tas-socjeta` Fish and Fish u tiddikjara d-danni u r-responsabbilta` tal-akkadut huma imputabbli u kkawzati in toto jew in parte mill-attur Alfred Fremal u/jew l-Capitan San Marco.
>
> "**Tirrevoka** contrario imperio u tichad it-tieni talba tal-attur u kontestwalment tiddikjara l-istess attur Fremal responsabbli huwa ghad-danni risultanti sija fil-konfront tas-socjeta` Fish and Fish Ltd u specjalment fil-konfront tas-socjeta` G&C srl u l-Gran Michelangelo.
>
> "**Tirrevoka** u tirrespingi contrario imperio r-raba' talba tal-attur fil-likwidazzjoni tad-danni u tordna u tiddeciedi li s-socjeta` appellant Fish and Fish tigi esonerata li thallas l-ammont ta' €270,207.00.
>
> "**Tirrevoka** u tirrespingi l-hames talba u tesonera lill-kumpanija appellant mill-hlas tas-somma ta' €270,207.00.
>
> "Konsegwentement tirrevoka l-kap tal-ispejjes kontra l-appellanti u tikkundanna lill-attur jhallas l-ispejjes kollha ta' din il-kawza."

8. Minhabba s-sottomissjonijiet voluminuzi, ripetizzjonijiet interminabbli u nuqqas ta' sekwenza fl-argumenti esposti fir-rikors tal-appell, din il-Qorti kellha diffikulta` tidentifika b'mod konciz is-sostanza tal-aggravji tas-socjeta` appellanti izda jidher li b'mod generali l-aggravji jirrigwardjaw is-segwenti: [1] apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti, [2] responsabbilita` ghall-incident, [3] l-element tal-forza magguri u, [4] il-likwidazzjoni tad-danni.

9. Permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-23 ta' Gunju 2014, l-attur appellat il-Kaptan Alfred Fremal, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, sostna illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi akkurata u korretta tad-dinamika tal-incident u ghalhekk, filwaqt illi s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata, l-appell ta' Fish and Fish Limited ghandu jigi michud.

10. Illi permezz ta' appell incidentali minnu interpost fl-istess risposta tal-appell, l-attur appellat il-Kaptan Alfred Fremal talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata limitatament fejn l-ewwel Qorti llikwidat biss danni ghall-ispejjez tat-tiswija tal-bastiment tieghu izda mhux ukoll danni rapprezentanti telf ta' dhul, u tillikwida ghalhekk danni rapprezentanti telf ta' dhul, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

11. L-appell incidentali tal-attur huwa bbazat unikament fuq il-fatt li skont l-ewwel Qorti, in-nuqqas ta' provi dwar dhul mill-operat tal-bastiment 'Capitan San Marco' ma messux kien fatali ghat-talba tal-istess attur ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni in linea ta' telf ta' qligh, ghaliex abbazi tal-provi mressqa, l-ewwel Qorti setghet tipprospetta telf ta' qligh potenzjali fuq qligh maghmul precedentement.

12. Jirrizulta illi ghal dan l-appell incidentali wiegbu s-socjeta` Fish and Fish Limited kif ukoll is-socjeta` estera G&C S.r.l., permezz ta'

risposta pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talbu li l-appell incidentali tal-attur jigi michud.

## L-Aggravji ta' l-Appell Principali

L-Ewwel Aggravju

13. Billi dan l-aggravju huwa msejjes kollu kemm hu fuq apprezzament hazin tal-fatti li, skont l-appellanti, sar fis-sentenza appellata, ikun opportun qabel xejn li jigi ribadit illi, kif inhuwa risaput, bhala regola generali din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni u l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti hlief meta l-apprezzament tal-provi jkun sar b'mod manifestament hazin jew li tkun sodisfatta li tkun ser tigi kommessa ingustizzja jekk ma tintervjenix. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Therese Pace v. Carmela Borg**[1], gie rapportat li:-

> "Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia." [*App.* **Attard v. Direttur tas-Sahha***,* 31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza *App.S* **Joseph John Parnis v. Mary Parnis**, 31 Ottubru 2014].

14. Ukoll fis-sentenza taghha **Maria Galea Testaferrata v. Carmelo Delia**[2]*,* din il-Qorti rrapportat hekk*:*-

[1] Deciza 18 ta' Lulju 2017
[2] Deciza 29 April 2016

> "Ghalhekk il-Qorti tal-Appell hija qorti ta' revizjoni xorta wahda ghandha d-dover li tezamina sewwa l-provi mressqa … huwa wkoll importanti li l-provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja [*App.* **Attard v. Direttur tas-Sahha**, 31/5/2014]"

15. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra ghalhekk tinvestiga u tiddetermina l-fondatezza tal-aggravji sollevati mill-konvenut.

16. L-ewwel aggravju tal-appellanti jittratta diversi aspetti tad-dinamika tal-iskontri bejn it-tliet dghajjes involuti f'dan l-incident, u l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti fir-rigward. Essenzjalment, l-appellanti tikkontendi: li l-ewwel Qorti messha, mill-provi akkwiziti waslet ghall-konkluzjoni li l-irbit tal-bastiment 'Capitan San Marco' mal-baga taghha, ma cediex minhabba impatt mill-'Gran Michelangelo' izda ceda minhabba li l-attur kien jorbot qasir bi hbula li kienu rqaq wisq biex jifilhu ghall-bastiment fil-maltemp li kien qed jahkem dakinhar tal-accident; li l-'Gran Michelangelo' qatt ma seta' habat mal-'Capitan San Marco'; li z-zewg bastimenti inqalghu separatament mill-irmiggi taghhom u l-uniku impatt bejniethom sar meta l-'Gran Michelangelo', minhabba t-toqol tal-katina li kienet qeghda tigbed taht wicc il-bahar, wasal finalment fil-bahar baxx tal-bajja fejn kien hemm diga` mahbutin il-'Capitan San Marco' u l-jott 'Ocean Lady'. Skont l-attur, wara li l-hbula taghha nqatghu fil-maltemp, il-'Capitan San Marco' sabet il-jott 'Ocean Lady' fit-trajettorja taghha waqt li kienet qed

tingarr 'il gewwa bir-rih qawwi lejn il-bajja ta' Marsaxlokk, habtet maghha u kaxkritha sal-baxx fejn iz-zewg dghajjes spiccaw inkaljati ma' xulxin.

17. L-appellanti ssostni enfatikament u ripetutament fir-rikors tal-appell taghha, illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta fissret li t-tezi tal-konvenuti tippernja fuq l-ipotesi li z-zewg bastimenti nqalghu mill-irmiggi taghhom flimkien jew fl-istess waqt, ghaliex din qatt ma kienet it-tezi taghha. Hija tghid li dejjem kienet il-fehma taghha li l-hbula tal-'Capitan San Marco' cedew minhabba negligenza fl-irbit tad-dghajsa mal-baga u addirittura <u>qabel</u> il-'Gran Michelangelo' nqala' mill-irmigg tieghu. Huwa inkoncepibbli, skont l-appellanti, li qatt ma seta' jsir impatt bejn iz-zewg bastimenti qabel il-wasla tal-'Gran Michelangelo' fil-bahar baxx tal-bajja ta' Marsaxlokk, ghaliex filwaqt li l-'Capitan San Marco' nqatghet mill-hbula marbutin mal-pruwa taghha u ma kellha xejn x'izommha milli tingarr mir-rih, il-'Gran Michelangelo' kienet qed tigbed il-piz ta' katina ta' bejn 15 u 30 metru taht wicc l-ilma, liema piz naqqas konsiderevolment il-pass li bih setghet tiddriftja.

18. Skont l-appellanti, il-fatt li l-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tal-attur dwar il-mekkanizmu tal-akkadut, jimmanifesta nuqqas ta' kunsiderazzjoni u apprezzament ta' diversi provi u fatturi li, mehudin flimkien, kellhom iwasslu ghal konkluzjoni dijametrikament kuntrarja ghall-konkluzjoni effettivament raggunta fis-sentenza appellata.

19. L-appellanti bniet il-bicca l-kbira tal-aggravju taghha dwar l-apprezzament, skont hi, hazin tal-fatti li sar fis-sentenza appellata, fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti skartat kompletament il-*wind records* dettaljati tas-sighat li fihom gara l-incident, liema *records* gew esebiti minn Dieter Achtelstetter fil-kawza Numru 832/2006 (Dok. DA2)[3]. Skont l-appellanti, l-ewwel Qorti ghazlet, minflok, li taccetta t-tezi attrici li hija mibnija fuq il-*weather forecast* generali esebit mill-esperti mqabbdin mill-istess attur, l-Ing. Joe Amato u l-Kaptan Mario Grech mar-rapporti rispettivi taghhom, mentri, kieku tat kaz ir-rizultanzi tar-rapporti akkurati tar-rih fil-hin relevanti, kienet tasal ghall-konkluzjoni ferm differenti.

20. L-appellanti tghid li l-ewwel Qorti kellha tapprezza illi kien wara s-1.15 a.m li l-katina tal-'Gran Michelangelo' cediet, u b'daqqa t'ghajn lejn ir-rapport tar-rih fis-1.15 a.m. kienet taghraf li dak il-hin ir-rih kien diga` dar u beda jonfoh min-Nofsinhar. Fir-rigward, l-appellanti taghmel referenza ghat-testimonjanza ta' Raymond Bugeja li xehed illi ra l-'Gran Michelangelo' mhux f'postu meta mar jittawwal lill-bastiment tieghu, wara li kien wassal xi nies Wied il-Ghajn ghall-habta tas-1.00 a.m. Skont l-appellant, galadarba li dan ix-xhud spjega li huwa ra l-'Gran Michelangelo' titkaxkar 'il gewwa, dan kellu jfisser li r-rih dak il-hin kien gej min-Nofsinhar.

[3] Dawn huma l-*official weather history* tal-lejl inkwistjoni li juri, inter alia, id-direzzjoni tal-irjehat bil-hin u bil-velocita` taghhom [Kawza 832/06 Fol.118 – 122]

21. L-appellanti tghid li m'hijiex attendibbli d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tabbraccja t-tezi attrici ghaliex, filwaqt li l-pozizzjoni tal-irmiggi taz-zewg dghajjes kif deskritta fis-sentenza ma tikkombaccjax mal-pozizzjoni murija fir-ritratt satellitari Dok. JC1, il-pozizzjoni li fiha finalment spiccat fil-bajja ta' Marsaxlokk il-'Gran Michelangelo' (kif murija f'Dok. JC2), hija konfortata pjenament mir-rizultanzi tax-xhieda u tar-rapporti akkurati tar-rih. Skont l-appellanti, huwa eskluz illi, b'rih gej min-Nofsinhar, l-imsemmi bastiment seta' jsegwi t-trajettorja mfissra mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tispicca fejn effettivament spiccat kif jidher f'Dok. JC2. Barra minn hekk, tikkontendi wkoll illi jekk, skont l-ewwel Qorti, il-'Gran Michelangelo' inqata' mill-irmigg tieghu meta r-rih kien qed jonfoh mil-Lvant, kien ikun hemm skontru dirett mal-bastiment 'Ta' Mattew'.

22. Fil-fehma tal-appellanti, l-ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta accettat it-tezi tal-attur li l-habel irqiq li jidher fir-ritratti Dok. JC 3 u SC3, kien il-*preventor rope* u meta accettat ukoll illi l-'Capitan San Marco' kellu hbula ta' hxuna ta' 100mm.

23. Finalment, l-appellanti ssostni, fil-kuntest tal-ewwel aggravju, li l-ewwel Qorti ma kinitx gustifikata tikkonkludi li l-katina tal-irmigg tal-'Gran Michelangelo' kienet difettuza u li l-appellanti messha pprevediet l-akkadut in vista tal-kundizzjoni mgherrija tal-katina u l-maltemp previst li

jaghmel f'dawk l-inhawi, u minflok, kellha tqabbad esperti indipendenti biex jghinuha tasal ghal konkluzjoni li l-holqa tal-katina ma nqalghetx minhabba negligenza tal-istess appellanti.

24. Rigward il-hsarat fid-dghajsa tal-attur, l-appellanti tikkontesta wkoll in-nuqqas tal-ewwel Qorti li taghmel referenza ghax-xhieda ta' Dieter Achtelstetter li qal li sema' daqqa kbira ta' hadid ma' hadid, ghall-habta tat-3.00 a.m. B'referenza ghall-fatt illi l-istruttura tal-'Gran Michelangelo' hija maghmula kollha kemm hi tal-injam, l-appellanti tghid li din ix-xhieda tista' tigi mfissra biss fis-sens illi l-habta kienet unikament bejn iz-zewg dghajjes tal-hadid, cioe` il-'Capitan San Marco' u l-'Ocean Lady'. Tkompli tghid li hija zbaljata wkoll il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-hsarat li sofra l-'Capitan San Marco' kienu kkagunati mill-'Gran Michelangelo', ghaliex il-hsarat tieghu huma kompatibbli biss mal-habta li saret mal-'Ocean Lady' kif ukoll it-tahbit kontinwu li sar bejniethom wara li baqghu inkaljati ma' xulxin fil-Maghluq ta' Marsaxlokk. In sostenn ta' dan l-aggravju, l-appellanti taghmel referenza ghall-fatt illi l-hsarat subiti mill-'Capitan San Marco' kienu fuq l-i*starboard* side, filwaqt illi l-*portside* taghha baqghet pjuttost intatta. Tikkontendi illi kieku d-dinamika deskritta mill-ewwel Qorti kienet attendibbli u l-'Gran Michelangelo' mar fuq il-'Capitan San Marco' waqt li din tal-ahhar kienet ghadha ormeggjata mal-baga taghha, l-impatt u kwindi l-hsarat kienu jkunu biss fuq il-*portside* taghha.

**Verzjoni tal-Appellat**

25. L-attur, da parti tieghu, isostni illi ma jista' jkun hemm ebda ekwivoku dwar il-mekkanizmu tal-incident u dwar kif id-dghajsa tieghu garrbet il-hsarat reklamati minnu f'din il-kawza. Fir-risposta tal-appell tieghu, l-attur isostni li l-hsarat sofferti fil-'Capitan San Marco' gew ikkagunati meta l-'Gran Michelangelo' beda jiddriftja fil-bahar qawwi li kien qed jahkem l-inhawi b'rih qawwa ta' riefnu gej mil-Lvant/ix-Xlokk, wara li nhall mill-irmigg tieghu. Skont l-attur, dan gara meta l-katina li zzomm il-baga li maghha kien marbut il-'Gran Michelangelo', inqalghet minn wahda mill-holoq taghha diversi metri taht il-wicc tal-bahar, ghaliex din il-katina kienet mgherrija. Bir-rih jonfoh mill-imsemmija direzzjoni fil-hin li l-'Gran Michelangelo' inqala' mill-irmigg tieghu, il-bastiment kaxkar mieghu l-katina taht il-bahar li kienet ghadha marbuta mal-baga, b'mod li skapula d-dghajsa 'Ta' Mattew' izda habat bil-*portside* tieghu mal-*bowsprit* u *starboardside* tal-'Capitan San Marco'. Bis-sahha tal-habta, il-*bowsprit* tal-'Capitan San Marco' kkaguna hsarat lill-pruwa tal-'Gran Michelangelo' u inqala', bil-konsegwenza li l-*wires* u *rigging* kollu mqabbad mal-istess *bowsprit* u mal-arbli tad-dghajsa tal-attur, waqghu fil-bahar bil-konsegwenza li z-zewg dghajjes inqabdu ma' xulxin sakemm fl-ahhar il-hbula tal-'Capitan San Marco', li kienu marbuta mal-baga taghha, ma felhux il-piz zejjed ta' dghajsa ohra abbinat mal-qawwa tal-bahar u tar-rih, u cedew.

26. L-attur ikompli jsostni li biz-zewg dghajjes imqabbdin flimkien, tant illi r-*rigging* tal-'Capitan San Marco' thabbel ukoll mal-katina taht il-baga tal-'Gran Michelangelo', u bir-rih appuntu dak il-hin jibdel direzzjoni u jibda jonfoh min-Nofsinhar, dawn qabdu trajettorja lejn il-bajja ta' Marsaxlokk, direzzjoni Tramuntana, fejn baqghu dehlin fl-'Ocean Lady'. Bis-sahha tal-impatt u l-kollass eventwali tal-arbli u r-*rigging* taghha, l-'Ocean Lady' tkaxkret bejn iz-zewg dghajjes bil-mazra tal-qiegh b'kollox, sakemm it-tliet dghajjes inkaljaw mal-qiegh tal-bahar fl-inhawi maghruf bhala Il-Maghluq fejn baqghu jahbtu ma' xulxin u jitkissru telghin u nezlin mal-mewg fil-maltemp.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

27. Jigi osservat qabel xejn li l-enfasi kontinwa fid-difiza tal-appellanti Fish and Fish Limited, sew in prim'istanza u sewwasew fl-appell taghha quddiem din il-Qorti, qatt ma kienet mibnija fuq l-eskluzjoni tal-htija taghha minhabba li mhijiex sid il-bastiment jew ghaliex ma kellhiex il-pussess u l-kontroll effettiv tal-bastiment 'Gran Michelangelo' meta gara l-akkadut. Infatti, ir-risposta guramentata tal-konvenuti in prim'istanza gietipprezentata f'isem il-<u>konvenuti kollha</u>, cioe` l-appellanti Fish and Fish Limited, is-socjeta` estera G&C S.r.l. u l-bastiment konvenut innifsu 'Gran Michelangelo', li jidher li jigbdu habel wiehed fil-linja tad-difiza taghhom u addebitaw il-htija lill-attur bhala sid il-'Capitan San Marco'.

28. In propositu, hija opportuna l-osservazzjoni illi fil-kawza Numru 7/2007 mismugha kontestwalment ma' din il-kawza, kienu appellanti Fish and Fish Limited u sid il-bastiment (is-socjeta` estera G&C S.r.l.), allura atturi, li flimkien ippromwovew l-azzjoni kontra l-bastiment 'Capitan San Marco' u sidu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnhom bhala l-operatrici u sid il-bastiment, rispettivament.

29. Ghalhekk, din il-Qorti m'hijiex sejra tinvestiga jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet htija biss, fost il-konvenuti, fis-socjeta` appellanti Fish and Fish Limited u lliberat lill-bastiment konvenut u lil sidu mill-osservanza tal-gudizzju, kinitx f'lokha, imma sejra tinvestiga biss l-aggravju tas-socjeta` appellanti Fish and Fish Limited illi ghad-danni sofferti fil-'Capitan San Marco' ma tahtix hi.

30. In vista tal-aggravji tal-appellanti dwar dak li tghid li huwa apprezzament hazin tal-fatti u l-provi mill-ewwel Qorti, huwa doveruz fuq din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni u fid-dawl tal-ewwel aggravju tal-appellanti, illi tezamina r-rizultanzi processwali kollha tal-kawza in prim'istanza u tiddeciedi jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u abbazi tal-provi prodotti quddiemha tasal ghaliha minghajr ma tkun ikkomettiet zball manifest.

31. Huwa manifest illi d-diffikulta` ewlenija li rriskontrat l-ewwel Qorti kienu l-verzjonijiet dijametrikament opposti tal-partijiet u n-nuqqas ta' xhieda okulari tal-akkadut, abbinati mal-fatt li l-iskontri bejn id-dghajjes involuti mhux talli saru waqt li dawn kienu nqatghu jew inhallu mill-irmiggi taghhom, izda talli l-iskontri saru f'bahar imcaqlaq sew waqt maltempata liema bhalha, bir-rih jaqbel fl-inhawi u jilhaq forza ta' riefnu.

32. Fost il-hafna kongetturi u spekulazzjonijiet li saru mill-partijiet u x-xhieda li xehdu f'din il-kawza, jinghad li din il-Qorti ser tiddeciedi fuq il-preponderanza tal-provi akkwiziti, u taghzel liema verzjoni u liema dinamika hija l-iktar wahda attendibbli, affidabbli, konvincenti u sorretta mill-evidenza oggettiva quddiemha, u dan fuq bazi ta' probabbilita`. Din il-Qorti ma naqsitx milli tifli bl-ikbar reqqa il-volumi shah ta' xhieda, dokumenti u sottomissjonijiet biex setghet taghmel l-analizi shiha tal-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata dwar id-dinamika tal-akkadut. Din il-Qorti waslet ghall-fehma kkunsidrata li ma jirrizultax li l-lanjanzi indirizzati lejn l-apprezzament tal-fatti u provi kif maghmula mill-ewwel Qorti ghall-finijiet tal-konkluzjoni minnha raggunta dwar id-dinamika tal-akkadut huma gustifikati.

33. Fin-nuqqas ta' xhieda okulari li raw l-iskontri rispettivi bejn id-dghajjes attwalment issir, l-ewwel Qorti ghamlitha cara li hija kienet sejra tistrieh fuq diversi fatturi biex tipprova tfassal hija stess dik li

tirrizulta li hija l-iktar tezi probabbli u affidabbli dwar id-dinamika tal-incident. Minn qari tas-sentenza appellata, jirrizulta b'mod specifiku li l-ewwel Qorti ghamlet referenza espressa ghad-dokumenti Dok. AV1, JC1 u JC2, ix-xhieda ta' Raymond Bugeja u x-xhieda tal-esperti *ex parte* li xehdu fil-kawza.

34. Hawnhekk, din il-Qorti tosserva li hu notorju illi, fejn jidhol il-bahar, xejn ma huwa impossibbli. Dan il-kaz ma jitrattax dwar incident stradali bejn karozzi misjuqa fit-triq fejn it-traffiku suppost jimxi skont regolamenti kjarament accessibbli, izda jittratta dwar habta bejn dghajjes li nhallu jew inqatghu mill-irmiggi taghhom u ngarru fuq il-bahar, mahkuma mill-forzi tan-natura fil-qawwa ta' maltempata b'rih li lahaq forza ta' riefnu. Fattur li ghandhom certu relevanza ghall-finijiet tal-vertenza in dizamina huwa il-fatt li l-'Gran Michelangelo' meta inqata' mill-irmigg tieghu kien qed jigbed katina ta' madwar 30 metru mal-qiegh tal-bahar, filwaqt li l-'Capitan San Marco' ma kellha xejn x'izommu u li dghajsa wahda hija *trawler* u l-ohra jott bl-arbli u l-qlugh. Dan premess, din il-Qorti mhux ser toqghod tinterpreta u taghti tifsira lil kliem tax-xhieda kif tipprova taghmel l-appellanti, u zgur mhux ser taghmel kongetturi, izda sejra tqis biss jekk dak konkluz mill-ewwel Qorti jirrizultax li huwa probabbli u ragjonevoli abbazi tal-provi akkwiziti, senjatament dawk oggettivi.

35. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li tinsab ftit perplessa dwar kif l-appellanti ssostni, bhala wiehed mill-ilmenti principali taghha, li l-ewwel Qorti skartat ir-rizultanzi tal-*wind records* dettaljati esebiti minn Dieter Achtelstetter (Dok. DA2) u naqset milli tqishom fl-apprezzament tal-provi li ghamlet. Din il-Qorti, filwaqt li taqbel illi din il-prova hija wahda mill-iktar impellenti ghall-finijiet tar-rikostruzzjoni tal-mekkanizmu tas-sinistru u tad-determinazzjoni tal-affidabbilita` tal-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, taghraf ukoll li l-ewwel Qorti mhux talli accennat ghal dawn ir-*records* dettaljati tar-rih fis-sentenza taghha, talli sejset b'mod evidenti l-konkluzjonijiet taghha fuq ir-rizultanzi ta' dawn ir-*records* dettaljati tar-rih fil-hinijiet relevanti. U ghalhekk, ghalkemm ma ghamlitx referenza espressa ghall-imsemmi Dok. DA2, jirrizulta manifest f'pagna 8 tas-sentenza appellata, li l-ewwel Qorti rriproduciet fl-intier taghhom ir-rizultanzi kollha relevanti tal-imsemmi Dok. DA2, meta qalet hekk:-

> "… bejn l-10.45 p.m. sas-12.45 a.m., ir-rih [li kien Majjestral] kien dar ghal-Lvant. Bejn is-12.45 a.m. sas-1.45 a.m., ir-rih dar ghax-Xlokk. Bejn is-1.45 a.m. sal-4.15 a.m. ir-rih dar ghal Nofsinhar."

36. Barra minn hekk, huwa evidenti wkoll illi, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-appellanti fir-rikors tal-appell, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar id-dinamika tas-sinistru hija sorretta pjenament mir-rizultanzi ta' Dok. DA2 b'mod li, anke kieku kellha ragun l-appellanti li l-ewwel Qorti skartat din il-prova fil-kunsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti tqis li f'kull

kaz din il-prova tikkonvalida l-verzjoni tal-attur u kwindi wkoll il-konkluzjoni tas-sentenza appellata fir-rigward.

37. Fir-rigward tax-xhud Raymond Bugeja, din il-Qorti tosserva li dana kien l-ahhar persuna li ra l-'Gran Michelangelo' u l-'Capitan San Marco' qabel inqalghu mill-irmiggi taghhom u kien ukoll l-unika persuna li ra l-'Gran Michelangelo' ftit hin biss wara li beda jingarr mal-kurrent. Dan ix-xhud kien ukoll l-ewwel wiehed li lemah it-tliet dghajjes inkaljati ma' xulxin fil-Maghluq ta' Marsaxlokk. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' l-ewwel Qorti meta tat piz sinifikanti lix-xhieda ta' Raymond Bugeja, ghaliex din it-testimonjanza, maghduda ma' rizultanzi ohra tal-provi, hija krucjali fl-ezercizzju ta' tfassil tad-dinamika tal-incident fid-dawl ukoll tal-imsemmija *wind recods*, u f'kull kaz ma ntweriet ebda raguni valida ghaliex l-ewwel Qorti kellha twarrab ix-xhieda tieghu fir-rigward. Ghall-kuntrarju, ma jistax ma jigix osservat illi l-appellanti stess, biex issostni l-aggravji taghha fir-rikors tal-appell, ma tiddejjaqx tirreferi ghal partijiet tat-testimonjanza ta' dan ix-xhud, partikolarment fir-rigward tal-hin tal-iskontru u d-direzzjoni tar-rih u tat-trajettorja li hadet il-'Gran Michelangelo' wara li qatghet ic-cimi taghha.

38. Din il-Qorti wkoll tosserva li jirrizulta mix-xhieda ta' Raymond Bugeja, illi meta dan ix-xhud rega' ttawwal lid-dghajsa tieghu 'Ta' Mattew', ftit wara s-1.00 a.m. min-naha tal-*pitch* tal-*waterpolo* fuq in-

naha tal-lemin tal-bajja, il-'Gran Michelangelo' kienet diga` inqalghet mill-irmigg taghha u ma baqghetx fil-pozizzjoni li kienet fiha meta raha fl-10.00 p.m. izda kienet tidher bejn il-bastiment tax-xhud u l-'Capitan San Marco'.

39. Ferm il-premess, u mill-provi akkwiziti, din il-Qorti ma ghandha ebda diffikulta' taghraf illi l-'Gran Michelangelo' inqala' mill-irmigg taghha wara l-10.00 p.m. izda xi hin qabel is-1.15 a.m., u allura ma hijiex korretta l-appellanti tghid li l-katina tal-'Gran Michelangelo' cediet wara s-1.15 a.m. Jirrizulta manifest ukoll mill-*wind report* [Dok. DA2], li bejn l-10.00 p.m. u s-12.45 a.m. ir-rih dar mill-Grigal ghal-Lvant u, wara s-12.45 a.m., dar ghax-Xlokk sakemm wara 1.45 am dar ghal Nofsinhar, kif del resto kkonstatat l-ewwel Qorti. Huwa sinifikanti wkoll li f'dawn il-ftit sighat, ir-rih lahaq forza massima ta' 38.9 kmfs. Mizmumin ferm dawn il-fatturi, din il-Qorti tqis bhala ferm ragjonevoli l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li kien appuntu qabel is-1.15 a.m. li cediet il-katina li kienet qed izzomm il-'Gran Michelangelo' u din id-dghajsa bdiet riesqa bil-mod fid-direzzjoni generali tal-Lvant/Xlokk ossia fid-direzzjoni fejn kienet irmiggjata l-'Capitan San Marco'.

40. Din il-Qorti tosserva wkoll illi d-Dok. DA2 huwa inekwivoku fis-sens illi kien biss fis-1.45 a.m. li r-rih dar u beda jonfoh min-Nofsinhar. Billi huwa stabbilit li l-'Gran Michelangelo' kienet diga` qed tingarr mal-

kurrent <u>qabel is-1.15 a.m.</u> meta r-rih kien Lvant/Xlokk, hija ftit spjegabbli l-insistenza tal-appellanti fir-rikors tal-appell taghha li, meta nqatghet il-katina tal-'Gran Michelangelo', ir-rih kien qed jonfoh min-Nofsinhar u b'hekk il-bastiment inkwistjoni spicca f'korsija dritta lejn il-Maghluq ta' Marsaxlokk minghajr ma habtet fil-'Capitan San Marco'. Il-Kaptan Mario Grech ma halla ebda ekwivoku illi b'rih jonfoh mil-Lvant/ix-Xlokk, il-'Gran Michelangelo' seta' facilment jingarr fid-direzzjoni tal-irmigg tal-'Capitan San Marco'.

41. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi it-tezi tal-appellanti tiskarta ghal kollox il-fatt li r-rih kien ilu jonfoh b'mod qawwi mill-Grigal u mil-Lvant, matul il-gurnata kollha tat-13 ta' Dicembru 2005, dar mix-Xlokk ghal ftit hin u finalment, fis-1.45 a.m. dar min-Nofsinhar. Izda fuq kollox, din il-Qorti tqis ukoll li, kuntrarjament ghal dak li tikkontendi l-appellanti, id-dikjarazzjoni li ghamel Raymond Bugeja rigward dak li lemah ftit wara s-1.00 a.m., mehuda fl-assjem taghha, ma taghti ebda konfort lit-tezi tal-appellanti.

42. Lanqas ma huwa car kif l-appellanti, wara li ghamlet tant enfasi fuq ir-rizultanzi tal-*wind records* dettaljati, ma setghetx tobsor li Dok. DA2 tikkuntrasta b'mod irrikonciljabbli mal-verzjoni taghha li, fil-hin meta Raymond Bugeja xehed li ra l-'Gran Michelangelo' ticcaqlaq 'il gewwa, ir-rih kien gej min-Nofsinhar. Jirrizulta li dak il-hin ir-rih kien ghadu jdur

minn rih qawwi mil-Lvant, ghal rih qawwi mix-Xlokk u evidentement, dan huwa ferm kompatibbli mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-irmigg tal-'Gran Michelangelo' inqata' mill-katina u beda jingarr mal-kurrent meta r-rih kien ghadu gej mil-Lvant/Xlokk.[4]

43. Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-bahar huwa imprevedibbli, u taghraf ukoll li ebda dghajsa ma hija ser issegwi trajettorja dritta f'bahar u maltemp bhal dak li hakem il-bajja ta' Marsaxlokk f'dak il-lejl, ghandu jinghad ukoll illi wara diversi sighat matul il-gurnata tat-13 ta' Dicembru 2005, ta' rih qawwi hafna jonfoh mid-direzzjoni generali tal-Lvant, hija ragjonevoli l-konsiderazzjoni fattwali li l-imbatt ma jaqlibx kif appena jdur ir-rih, u li l-kurrent jibqa' gej ghal ftit hin mill-istess direzzjoni anke wara jdur ir-rih. Ghalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-'Gran Michelangelo' wasal sal-'Capitan San Marco' u sar l-iskontru meta r-rih kien mix-Xlokk jew qed idur ghal Nofsinhar ghall-habta tas-1.45 a.m. Wara kollox, skont kif jirrizulta minn Dok. AV1 u Dok. JA3 u JA4[5], u kif sorrett ulterjorment bit-testimonjanza tal-Ing. Joe Amato u tal-Kapt. Mario Grech, huwa ferm ragjonevoli li wiehed iqis li bir-rih jonfoh mil-Lvant/ix-Xlokk qawwa ta' riefnu, il-'Gran Michelangelo' wara li qatghet ic-cimi taghha, qabdet u segwiet perkors li bih, filwaqt li gie evitat

[4] Wara kollox, kif xehed Dieter Achtelstetter[4] fir-rigward:-"*But if you look at the weather records there are peaks in the air at around midnight with gusts up to fifty kilometres an hour from the east which actually put additional force on the mooring.*"
[5] A fol. 331 *et seq.*

skontru mal-lanca 'Ta' Mattew', wassal pero` ghall-iskontru mal-'Capitan San Marco'[6].

44. F'dan l-istadju, u biex tigi trattata d-dinamika proprja tal-iskontru bejn iz-zewg dghajjes, din il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport kif ukoll ghax-xhieda in kontro-ezami tal-Kapt. Mario Grech li fil-fehma taghha spjega bl-iktar mod car u attendibbli, fil-kuntest tal-pjanti Dok. JA3 u JA4, kif setghet saret il-habta bejn il-'Gran Michelangelo' u l-'Capitan San Marco' fil-kundizzjonijiet tat-temp prevalenti fil-hin relevant, kkunsidrat ukoll il-fatt li l-'Gran Michelangelo' kien qed igorr mieghu katina b'tul ta' bejn 15 u 30 metru taht il-bahar. Fil-paragrafu 7 tar-rapport tieghu, il-Kapt. Mario Grech ghamel is-segwenti osservazzjoni:-

> "… when the chain parted, this left the Gran Michelangelo free to drift in a west to northwesterly direction (i.e. towards the other two vessels moored in the vicinity) which direction was dictated by the high east and southeasterly winds blowing on the night".

45. In propositu f'dan il-kuntest, huwa opportun li din il-Qorti tissenjala illi jirrizulta inkontestat li l-'Gran Michelangelo' inhall mill-irmigg tieghu ghaliex inqatghet il-katina tal-hadid li tghaqqad il-baga mal-qiegh tal-bahar u mhux minhabba xi fattur iehor. Il-Kapt. Mario Grech kompla jixhed hekk:-

[6] Jigi osservat in propositu illi r-rapport tal-Kapt. J. Dalli (Dok. JMD1 a fol. 136 tal-kawza 832/2006) ma giex imhejji b'referenza ghar-*records* dettaljati tar-rih izda ghar-rapport tat-temp generali, izda xorta wahda dan ix-xhud espert ikkonferma illi b'rih gej mix-Xlokk, il-'Gran Michelangelo' kien jispicca fuq il-'Capitan San Marco'.

> "… peress li l-pruwa qed tigbed mal-baga jigu pruwa dejjem ghal gor-rih. … … il-kuntatt sar izjed pruwa ma' pruwa milli mal-poppa. B'xi mod il-bastimenti ma kienux parallel ta' xulxin wiehed gej fuq l-iehor u spjegajtha ghax meta bastiment jiddriftja x'hin ikun free, jidriftja *beam on.* Issa tajtu factor ta' katina qed tigbed, mhux izzommu zgur, li kieku jzommu jdur mill-ewwel u jigi l-poppa u tolqotlu l-poppa, pero` ma kienx qed izomm daqshekk lanqas. Fis-sens li spiccaw laqtu lil xulxin at an angle bil-pruwa, jien ghalija l-contact sar pruwa ma' pruwa, u pruwa ma' pruwa mhux head on…"

46. Fid-dawl ta' din it-testimonjanza u tar-ritratti esebiti kif ukoll ta' dak li juri id-Dok. MG3 li huwa l-istess bhal Dok. JA3 u JA4[7], din il-Qorti ftit li xejn ghandha diffikulta` taccetta bhala affidabbli it-tezi tal-attur dwar kif probabbilment sehhet il-habta bejn iz-zewg bastimenti. Din il-Qorti ma tqisx li ghandha tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar kif sar l-iskontru bejn il-'Gran Michelangelo' u l-'Capitan San Marco'.

47. Din il-Qorti tqis ukoll li fid-dawl tax-xhieda esperta tal-Kapt. Mario Grech, fuq citata, ragjonevolment wiehed jista' jifhem li bil-piz tal-katina fuq quddiem, il-pruwa tal-'Gran Michelangelo' ma ppontatx kompletament ghal gor-rih gej mil-Lvant/Xlokk u ghalhekk id-dghajsa ma mexietx *parallel* mal-'Capitan San Marco'. Jekk wiehed jikkunsidra wkoll it-tezi li l-'Capitan San Marco' kienet, sadanittant, ghadha marbuta bil-baga taghha, ma jista' lanqas jigi eskluz li l-*bowsprit* taghha kienet qeghda tipponta fid-direzzjoni tar-rih u kwindi, lejn il-*portside* tal-'Gran Michelangelo'.

[7] Fol.331 - 332

48. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, id-dinamika tal-habta mfissra mix-xhieda esperta tal-Kapt. Mario Grech u l-Ing. Joe Amato, kif sorretta mir-ritratti u dokumenti fuq indikati, kif ukoll mill-*wind records* dettaljati, ma tistax tigi mwarrba anzi, twassal biex tikkonvinci ulterjorment lil din il-Qorti dwar l-attendibbilita` tat-tezi attrici mhux biss fis-sens illi l-'Capitan San Marco' kienet ghadha marbuta mal-baga taghha meta intlaqtet mill-'Gran Michelangelo', izda wkoll fis-sens illi d-daqqiet u tkissir fuq il-*portside* tal-'Gran Michelangelo' kienu rizultat tal-impatt lagenba mal-*bowsprit* partikolari tal-'Capitan San Marco'. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan il-*bowsprit* jigi fl-istess livell tal-parti mill-pruwa tal-'Gran Michelangelo' li tidher imtajra fir-ritratt Dok. SC7. Fuq kollox, b'referenza ghar-ritratt Dok. AV5, ma jirrizulta ebda inkompatibbilita` fil-hsarat subiti fil-'Gran Michelangelo' u l-'Capitan San Marco' li tista' teskludi t-tezi tal-attur, li giet accettata mill-ewwel Qorti.

49. Mizmum ferm il-premess, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellanti meta din tghid li d-danni li soffriet il-'Capitan San Marco' huma kawza dirett tal-impatt li kellha mal-'Ocean Lady', u li l-'Gran Michelangelo' ma kkontribwixxa b'ebda mod ghad-danni subiti. Mhix attendibbli lanqas l-allegazzjoni tal-appellanti li l-'Capitan San Marco' u l-'Gran Michelangelo' ma gewx in kuntatt ma' xulxin. Anzi, din il-Qorti hija sodisfatta mill-ispjegazzjoni moghtija mill-attur u sorretta mix-xhieda ta' esperti li tressqu fil-kawza, illi l-impatt mal-pruwa tal-'Capitan San

Marco' seta' facilment wasslet biex inkisret il-*bowsprit* bil-konsegwenti kollass tal-*masts* u *rigging* taghha, u bir-rizultat ulterjuri li bil-piz ta' zewg dghajjes iserrah fuqu, maghdud bil-qawwa tal-mewg u tar-riefnu prevalenti dak il-hin, l-irbit tal-'Capitan San Marco' ceda[8].

50. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellanti meta jghidu illi l-hbula tal-'Capitan San Marco' inqatghu ghaliex il-hxuna taghhom ma kinitx idonea ghal bastiment tad-daqs taghha f'kundizzjonijiet ta' maltemp. Inoltre, tqis li huwa ftit spjegabbli kif l-istess appellanti tista' teskludi illi l-hbula tal-'Capitan San Marco' setghu jinqatghu bil-piz tal-'Gran Michelango' fuqha. Il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija sorretta mis-segwenti fatturi: [1] il-kontenut tal-*wind report* dettaljat, [2] il-pozizzjoni rispettiva tal-bastimenti qabel l-incident u, [3] il-fatt li l-katina tal-'Gran Michelangelo' cediet.

51. Il-Qorti tosserva li, minkejja l-attakk li ghamlet l-appellanti fuq ix-xhieda tal-Ing. Joe Amato fir-rigward tal-hbula tal-'Capitan San Marco', din il-Qorti ma tirriskontra ebda raguni ghaliex ghandha tiskarta d-depozizzjoni ta' dan l-espert. Wara kollox, oltre li spezzjona l-hbula fizikament u kkonstata l-hxuna taghhom, dan ix-xhud eskluda kategorikament it-tezi tal-appellanti illi l-habel irqiq kien il-*preventor rope.* Barra minn hekk dan ix-xhud kien konsistenti wkoll fix-xhieda tieghu illi l-'Capitan San Marco' kienet marbuta b'habel hxuna ta'

[8] Din il-konkluzjoni tinsab sorretta mir-rapport tal-Kapt. Mario Grech.

100mm li kien idoneju biex tiflah ghall-bastiment u fil-kundizzjonijiet prevalenti tar-rih u bahar.  Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi din il-Qorti ma hijiex sejra tiddipartixxi mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ghazlet li tistrieh fuq ix-xhieda ta' dan ix-xhud milli fuq ix-xhieda tal-Kapt. Jimmy Dalli u kkonkludiet li l-'Capitan San Marco' qatghet il-hbula taghha minhabba l-impatt u l-piz fuqha tal-'Gran Michelangelo'.

52.    Ghall-kompletezza, din il-Qorti lanqas ma thoss li ghandha twarrab il-fatt illi fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, il-Kapt. Mario Grech eskluda li l-'Capitan San Marco' kien marbut hazin kif eskluda wkoll l-ipotesi li l-mod kif kien marbut seta' wassal biex il-hbula jinqatghu wahedhom fil-maltempata kif allegat mill-appellanti.

53.    F'dan is-sens ukoll tirrespingi l-ilment tal-appellanti li l-ewwel Qorti ghamlet hazin li warrbet dak li gie rapportat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha in prim'istanza, fejn sostniet li l-'Capitan San Marco' qatghet il-hbula taghha, waslet iktar qabel il-'Gran Michelangelo' fil-Maghluq ta' Marsaxlokk u li l-hsarat li garrbet gew ikkawzati mill-'Ocean Lady' u mhux mill-'Gran Michelangelo'.  Din il-Qorti tinnota appuntu li din it-tezi tal-appellanti giet kontradetta sahansitra mix-xhud prodott minnha stess,

Silvio Caruana, illi fl-affidavit tieghu ivvanta ipotesi inkompatibbli ma' dik tal-appellanti[9].

54. Biex jigi indirizzat issa l-ilment tal-appellanti li t-tezi taghha hija sorretta mill-pozizzjoni tal-hsarat sofferti fiz-zewg dghajjes, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-ritratti tal-hsarat estensivi li garrbet il-'Capitan San Marco', kif ukoll izda mhux limitatament, ir-rapporti u x-xhieda tal-Ing. Joe Amato, u wkoll ix-xhieda tal-Kapt. Mario Grech. Din il-Qorti m'hijiex konvinta mill-ispjegazzjoni moghtija mill-appellanti illi t-tliet arbli tal-'Capitan San Marco' inkissru (kif jidher fir-ritratti), ghaliex din id-dghajsa nqatghet mic-cimi taghha, habtet mal-'Ocean Lady' li inkaljat maghha, u dawn eventwalment spiccaw imwahhlin fil-bahar baxx tal-Maghluq jahbtu ma' xulxin fil-mewg. Daqqa t'ghajn lejn ir-ritratt Dok. AV5 tqieghed fil-perspettiva d-daqs tal-'Capitan San Marco' relattivament ghad-daqs tal-'Ocean Lady'. Din il-Qorti mhijiex konvinta lanqas illi impatt ma' jott zghir bhalma huwa l-'Ocean Lady' tista' tikkaguna hsara tal-entita` attwalment imgarrba mill-'Capitan San Marco', lanqas jekk jigi accettat li dawn iz-zewg dghajjes ghamlu hin konsiderevoli jahbtu ma' xulxin bil-qilla tar-rih u l-imbatt tal-bahar f'dawk il-hinijiet.

55. Fuq kollox, din il-Qorti tifhem illi mhuwiex kontestat illi l-hbula tal-'Capitan San Marco' u parti mir-*rigging* taghha, inqabdu fil-katina taht il-

[9] Fl-Affidavit tieghu, Silvio Caruana fisser kif, skont hu, il-'Capitan San Marco' baqghet gejja fuq il-'Gran Michelangel'o li kienet diga` mkaxkra 'l gewwa u dahlet fuqha bil-genb *starboard side* u kkawzat hafna hsarat fuq il-pruwa u tal-*portside* tal-'Gran Michelangelo'.

baga s-safra tal-'Gran Michelangelo' tant illi l-hbula tal-'Gran Michelangelo' kellha tinqata' minn mal-baga taghha biex tillibera lid-dghajsa l-ohra[10].

56. Din il-Qorti tqis illi huwa pjuttost evidenti illi din l-entita` ta' *entanglement* tar-*rigging* u hbula tal-'Capitan San Marco' fil-katina u fl-irmigg tal-'Gran Michelangelo', kif *del resto* deskritta mix-xhieda prodotti mill-attur kif ukoll mill-appellanti li marru jghinu biex jehilsu lid-dghajjes meta dawn instabu fil-Maghluq, hija iktar probabbli li saret jekk il-bastimenti kienu mqabbdin flimkien ghal certu hin qabel waslu fil-bahar baxx u wehlu fil-Maghluq[11]. Jidher ukoll li wiehed mill-fatturi l-iktar impellenti li seta' wassal ghal dan it-thabbil tar-*rigging* ma' l-irmigg tal-'Gran Michelangelo', huwa l-kollass tal-*bowsprit* u kwindi tal-arblu u r-*rigging* tal-'Capitan San Marco' b'kawza tal-impatt ma' l-imsemmija dghajsa. Maghdud mieghu, wiehed ma jistax iwarrab ic-caqliq kontinwu tal-bahar li, kif jirrizulta mix-xhieda, ikun inevitabbilment irrinforza dan it-thabbil bil-konsegwenza li z-zewg dghajjes inkaljaw ma' xulxin u ngarru flimkien lejn ix-xatt bir-rih, li sadanittant lahaq dar min-Nofsinhar.

[10] Fl-Affidavit tieghu, Raymond Bugeja xehed hekk: "*... morna biex nippruvaw nigbdu l-'Capitan San Marco' 'l barra. Ma kienetx operazzjoni facli ghax kien hemm hafna wires tal-azzar imqabbdin mal-Gran Michelangelo u l-bastiment kien imwahhal mal-qiegh.*" Inoltre, Peter Bugeja xehed hekk:- "*Il-yacht* [Capitan San Marco] *kien maqbud ma' baga safra u maqbuda ma' l-istess baga kien hemm yacht zghit bl-isem ta' Ocean Lady.*"

[11] "*Rigging was severly damaged by the Gran Michelangelo thrashing about the shipside*" - Ing Joe Amato in Dok. JA10 a fol. 338

57. Din il-Qorti tqis ukoll illi d-dinamika fuq imfissra tkompli tikkonforta ulterjorment il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi, bir-rih issa jonfoh min-Nofsinhar, iz-zewg dghajjes, inkaljati ma' xulxin, qabdu trajettorja lejn ix-xatt u qabdu wkoll fit-tragitt taghhom l-'Ocean Lady' bil-konsegwenza illi dan il-jott zghir spicca mwahhal bejniethom fil-Maghluq. Il-fatt li l-'Ocean Lady' ingarret sal-Maghluq ta' Marsaxlokk bil-mazra taghha b'kollox, ikompli jikkonvinci lil din il-Qorti illi l-piz fuq din il-mazra kien kbir hafna, u dan jikkombaccja sew mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-Gran Michelangelo u l-Capitan San Marco, imwahhlin ma' xulxin, dahlu fuq dan il-jott zghir u kaxkruh maghhom lejn ix-xatt. Fid-dawl ta' dan ukoll, din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni valida li ghaliha ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta dik il-Qorti dehrilha li ghandha tistrieh fuq il-fehma esperta u kategorika tal-Kapt. Mario Grech illi "*Il-bastimenti gew llokjati flimkien qabel il-maghluq.*"[12]

58. Ferm il-premess, din il-Qorti ma tqisx bhala verosimili t-tezi tal-appellanti li dik l-entita` ta' thabbil li ddeskrivew ix-xhieda li sabu d-dghajjes inkaljati flimkien filghodu, setghet saret billi, kif tippretendi l-appellanti, il-'Gran Michelangelo' wasal fil-Maghluq wara li z-zewg dghajjes ohra kienu diga` mahbutin u maqbudin hemmhekk, u baqa' jahbat maghhom, bl-'Ocean Lady' fin-nofs bejniethom.

[12] Udjenza tat-12 ta' Ottubru 2010, pagna 15.

59. Din il-Qorti ma tqisx lanqas li ghandha ragun l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti messha waslet ghall-konkluzjoni li l-habta li sema' Dieter Achtelstetter fit-3.00 a.m. setghet kienet habta bejn il-'Capitan San Marco' u l-'Ocean Lady' biss. Huwa evidenti li l-appellanti torbot l-aggravji taghha fil-qafas tad-dinamika tal-incident b'mod preponderanti mat-tifsira li taghzel li taghti lill-hoss li sema' dan ix-xhud ghall-habta tat-3.00 a.m. bhala hadid ma' hadid, u teskludi li f'dan l-impatt kienet involuta l-'Gran Michelangelo' ghaliex l-istruttura taghha huwa tal-injam. Din il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb ghaliex, certament, dak li ddeskriva l-imsemmi xhud ma jimmilitax kontra l-ipotesi li abbraccjat l-ewwel Qorti, jigifieri li bir-rih jonfoh min-Nofsinhar fit-3.00 a.m., il-'Gran Michelangelo' u l-'Capitan San Marco', maqbudin ma' xulxin, baqghu dehlin fl-'Ocean Lady' fil-perkors taghhom lejn ix-xatt. Din il-Qorti diga` affermat li l-ewwel Qorti kienet korretta illi tqis li ghall-habta tas-1.00 a.m., il-'Gran Michelangelo' kienet diga` nqatghet mic-cimi taghha u kienet riesqa lejn il-'Capitan San Marco'. Ghalhekk, galadarba jirrizulta mill-*wind records* Dok. DA2 li r-rih dar min-Nofsinhar wara s-1.45 a.m. meta lahaq forza massima ta' riefnu, u tenut kont ukoll tal-fatt illi sal-5-00 a.m. jirrizulta li d-dghajjes kollha kienu inkaljati flimkien fil-Maghluq ta' Marsaxlokk, ma jistax jigi eskluz li l-impatt li sema' x-xhud fit-3.00a.m. kien impatt bejn il-'Capitan San Marco' u l-'Gran Michelangelo' (li kienu inkaljati flimkien), u l-'Ocean Lady'. Fuq kollox, pero`, din il-Qorti ma tarax kif l-appellanti tista' tislet xi prova dwar kif habtu d-

dghajjes mis-suppozizzjonijiet tax-xhud Dieter Achtelstetter ghaliex fil-verita`, dan ix-xhud ma ra xejn u sema' biss hoss fil-qawwa ta' maltempata fuq il-bahar, tant li huwa stess xehed illi:-

> "It could have been some metal going into each other. …
>
> "Il-Qorti: "Now the accident was three [am] to four [am] no, roughly?"
>
> "Well, that's when I heard the bang but which doesn't necessarily mean that the boats didn't meet before."

60. L-appellanti fir-rikors tal-appell taghha titlob spjegazzjoni tal-fatt illi, jekk wiehed jaccetta t-tezi tal-attur li l-pruwa tal-'Capitan San Marco' messet mal-baga tal-hadid tal-'Gran Michelangelo', din l-istess baga ma kellhiex hsarat jew tracci ta' grif. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm skont l-appellanti, dan il-fattur ghandu jimmilta lejn it-tezi taghha u teskludi l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti, ir-risposta tinsab fir-ritratti tad-dghajjes kif instabu wara l-akkadut senjatament Dok. AV4[13], li jsostnu l-opinjoni esperta tal-Kapt. Mario Grech illi l-baga tal-'Gran Michelangelo' li kellha l-irmigg mal-pruwa taghha u kienet qed tigbed tul ta' katina mdaqqsa, qatt ma ntlaqtet mill-'Capitan San Marco' anke minhabba l-fatt li, skont il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, l-impatt bejn dawn id-dghajjes sar *portside* ma' *starboardside*.

61. Rigward l-aggavju tal-appellanti dwar il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar <u>il-katina tal-irmigg</u> tal-'Gran Michelangelo', din il-Qorti

---

[13] Vol.2 Fol.332

gharblet ix-xhieda u l-provi kollha prodotti mill-partjiet u ma tistax hlief tosserva li l-preponderanza tal-provi taghti sostenn lid-decizjoni fis-sentenza appellata, li din il-katina kienet tinsab f'kundizzjoni mgherrija u li l-appellanti setghet u messet tipprevedi, kieku agixxiet bi prudenza u diligenza ordinarja, li f'kundizzjonijiet ta' maltemp qawwi, din ma kinitx tiflah il-piz tal-bastiment 'Gran Michelangelo'. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza fost ohrajn, ghad-diversi ritratti esebiti in atti li juru l-katina in dizamina, ix-xhieda tal-Kapt. J. Dalli li ddeskriva l-katina bhala "*mittiekla*" u prattikament eskluda l-ipotesi ta' *cathodic reaction*[14], ir-rapport tal-Ing. Joe Amato[15] li jikkonferma l-istat dizastruz tal-katina tal-'Gran Michelangelo', ir-rapport tal-Kapt. Mario Grech li wkoll josserva li l-katina kienet "*heavily corroded and wasted to the point that it could not withstand the strong forces of the wind prevailing at the time*"[16] u x-xhieda ta'l-istess Kapt. Grech fejn qal li l-katina "*kellha wastage qawwi fuqha fejn kien hemm il-links bejniethom … kien hemm break tal-link*"[17]. Dieter Achtelstetter ukoll irrimarka hekk riferibbilment ghall-katina tal-'Gran Michelangelo': "… *I mean the chain* [tal-'Gran Michelangelo'] *was not in a real good state. … the state of the chain was very very bad so the links were very very thin* "[18]

[14] Fol. 136 tal-kawza 832/2006 – xhieda fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2010, pagna 11.
[15] Fol. 322 *et seq.*
[16] Pagna 3 para. 7 tar-rapport tieghu fol 362.
[17] Pagna 26 tax-xhieda viva voce tieghu waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2010.
[18] Pagna 12 tax-xhieda ta' Dieter Achelstetter.

62. Ferm il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata twarrab it-tezi ta'l-appellanti li l-katina soffriet reazzjoni kimika li kienet impossibbli li tigi prevista, u ghazlet minflok li tistrieh fuq il-preponderanza tal-provi u xhieda dwar l-istat tal-katina u dwar x'wassal biex din cediet dakinhar tal-akkadut.

63. Ghalkemm l-appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti ma messitx waslet ghall-konkluzjoni li l-katina tal-irmigg tal-'Gran Michelangelo' kienet difettuza minghajr ma hatret espert gudizzjarju biex jaghmel konstatazzjonijiet oggettivi u indipendenti, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-gudikant ma ghandu ebda obbligu li jahtar huwa stess espert gudizzjarju in materja, partikolarment f'kaz li jkunu tressqu xhieda esperti *ex parte*. Billi huwa pacifiku li l-qorti mhijiex marbuta li taddotta l-konkluzjonijiet ta' espert anke dak mahtur minnha stess, kontra l-konvinzjonijiet taghha, isegwi illi r-rizultanzi ta' perizja gudizzjarja ghandhom f'kull kaz jitqiesu bhala prova, bhal kull prova ohra. Jispetta ghalhekk lill-parti li ghandha interess, li titlob il-hatra ta' espert gudizzjarju biex isahhah it-tezi taghha meta din tkun giet kontradetta minn xhieda esperta ohra. Din il-Qorti tqis li jekk l-appellanti ma qablitx ma' dawk ix-xhieda li osservaw li l-katina kienet difettuza jew mhux idonea, hija kellha l-opportunita` li titlob il-hatra ta' espert gudizzjarju biex jezamina l-katina, izda ma tista' qatt tattribwixxi xi nuqqas fir-

rigward lill-ewwel Qorti. Ghaldaqstant, dan l-aspett tal-ewwel aggravju tal-appellanti wkoll mhux fondat u qed jigi michud.

64. Mizmum ferm ghalhekk dak kollu fuq ikkunsidrat, din il-Qorti ma tirravviza ebda zball fil-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti u ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat biex tasal ghad-decizjoni taghha fir-rigward kif sehh l-akkadut, tant illi fuq l-iskorta tad-dokumenti u provi indikati mill-appellanti, din il-Qorti tasal ghall-istess decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

65. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appellanti mhuwiex gustifikat u qieghed ghalhekk jigi michud fl-intier tieghu.

**It-Tieni u t-Tielet Aggravju**

66. Dawn ser jigu kkunsidrati flimkien, kemm ghaliex dawn iz-zewg aggravji gew trattati f'daqqa fir-rikors tal-appell, taht il-kappa "*Aggravju Force Majeure u Casualty of Nature*" kif ukoll ghax huma konnessi. L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma kinitx gustifikata tattribwixxi lilha xi htija ghan-nuqqasijiet li setghu gew riskonstrati fl-istat tal-irmigg li fuqu kien marbut il-bastiment 'Gran Michelangelo', ghaliex dan l-irmigg huwa proprjeta` ta' terzi. Skont l-appellanti, l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni mill-provi akkwiziti, illi l-akkadut sar mhux minhabba nuqqas ta' diligenza da parti taghha li tagixxi bhala *bonus pater familias*, izda

minhabba *force majeur*e u kellha wkoll tapplika din il-konkluzjoni, minkejja li l-*force majeure* ma gietx imqajma bhala difiza fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

67. L-appellat isostni illi, galadarba l-appellanti li topera u li kellha l-kontroll effettiv tal-bastiment 'Gran Michelangelo', kienet responsabbli ghall-incident, allura hija l-istess appellanti li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni kkawzati lill-bastiment tieghu. Skont l-appellat, kienet l-appellanti li kellha r-responsabbilita` ghall-manutenzjoni tal-irmigg li mieghu kien jorbot dan il-bastiment. L-appellat jghid li mill-provi prodotti jirrizulta manifest li l-katina li kienet izzomm il-baga, tmermret, u ma kinitx mizmuma f'kundizzjoni biex izzomm bastiment ta' 75 tunnellata, u ta' dan in-nuqqas tahti l-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

68. Riferibbilment ghall-aggravju dirett lejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet htija fl-appellanti ghan-nuqqas ta' manutenzjoni tal-irmigg li mieghu kien ormeggjat il-bastiment minnha operata, din il-Qorti tosserva li jirrizulta manifest mix-xhieda u mill-provi akkwiziti, illi s-socjeta` appellanti, Fish and Fish Limited, kienet ilha tuza' dan l-irmigg partikolari bil-permess tas-sid tieghu, certu Paul Attard, ghal diversi xhur. Tant hu hekk, illi evidentement l-istess appellanti rrikonoxxiet ir-responsabbilita` taghha ghall-manutenzjoni ta' dan l-irmigg meta enfasizzat ripetutament

il-prekawzjonijiet li tghid li hadet qabel bdiet taghmel uzu mill-baga marbuta ma' dan l-irmigg. L-appellanti tghid li ma kinitx negligenti ghaliex, ftit xhur qabel, kienet baghtet haddiema ta' sengha minn taghha biex jibdlu partijiet tal-katina u addirittura ttestjaw is-sahha taghha. Dan kollu gie spjegat fid-dettall fit-testimonjanza ta' Silvio Caruana quddiem l-ewwel Qorti.

69. Din il-Qorti tosserva li dak li hu rilevanti ghall-finijiet tal-vertenza in dizamina huwa l-fatt inkontestat illi l-bastiment 'Gran Michelangelo' mhux talli kien qed jigi operat mill-appellanti fiz-zmien tal-incident[19], talli f'dak iz-zmien, dehrilha li setghet tormeggjah minghajr riskju ta' incident, ma' dan l-irmigg partikolari. Din il-Qorti ma tistax twarrab dak li gie premess mill-appellanti Fish and Fish Limited stess fir-rikors promotur tal-kawza Numru 7/2007, fejn fost il-premessi tghid li minhabba l-hsara sofferta mill-bastiment 'Gran Michelangelo', hija kellha tidhol fi spejjez ta' "*… kiri ta` bastiment alternattiv necessarju fl-operazzjonijiet taghha u dan sakemm il-bastiment Gran Michelangelo sarulu r-riparazzjonijiet u tiswija tal-hsarat sofferti*." Ghahekk ma tistax tippretendi li tigi skolpata l-appellanti billi tghid li m'hijiex is-sid tal-irmigg meta huwa evidenti li kellha l-kontroll pjen u effettiv tal-bastiment fiz-zmien relevanti.

70. Billi l-ligi civili fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili tqis, li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, isegwi li jista' jigi skolpat mill-

[19] Ara l-pretenzjonijiet u talbiet tas-socjeta` Fish and Fish Limited fil-kawza 7/2007.

htija ghall-hsara li tigri b'imgibtu, biss min jista' juri li ghamel dak kollu mistenni minn *bonus pater familias* biex jipprevjeni li ssir dik il-hsara. F'dan il-kaz, kieku l-appellanti agixxiet bhala *bonus pater familias* biex tassigura li ma ssirx hsara bid-decizjoni taghha li tormeggja l-bastiment ma' l-irmigg in dizamina, kellha tinduna, li l-katina li zzomm il-baga li maghha torbot il-bastiment, ma kinitx fi stat tajjeb u ghalhekk kellha tipprevedi li f'maltempata bhal dak tal-lejl inkwistjoni l-katina setghet tinqata'. Fil-fatt il-fatti provati manifestament juri li il-katina ma felhitx ghat-tigbid tal-bastiment ta' dak it-tunnellagg f'maltemp qalil bhal dak li hakem l-inhawi dakinhar tal-incident.

71. Dwar ir-responsabilita` o meno tal-konvenuti l-ohra ghal dak li sehh dak il-lejl, il-Qorti tosserva li fil-kawza odjerna l-appell sar biss mis-socjeta` appellanti Fish and Fish limited u ghaldaqstant ser tillimita l-ezami taghha fir-rigward fil-konfront ta' din is-socjeta` biss.

72. Din il-Qorti diga` ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-rizultanzi tax-xhieda esperta *ex parte* prodotta mill-partijiet relattivament tal-kagun ghall-ksur tal-holoq tal-katina in dizamina u, bhall-ewwel Qorti qabilha, hija sodisfatta illi l-konsegwenzi tal-att dannuz messhom kienu prevedibbli, bl-uzu ta' diligenza ordinarja, minn min seta' jaghmel uzu minn dik il-katina biex jorbot bastiment bhalma huwa l-'Gran Michelangelo' u f'maltemp li kien ben previst li ser jaghmel. Il-fatt li l-

appellanti qabbdet il-haddiema taghha biex jibdlu partijiet mill-katina ftit xhur qabel, ma jfissirx necessarjament li ntuza' l-grad tad-diligenza rikjesta mil-ligi li jiskolpaha mir-responsabbilita`, ghaliex f'kull kaz kien hemm nuqqas biex jintgharfu l-konsegwenzi tal-kundizzjoni evidentement mgherrija tal-katina. Jigi ribadit illi din il-kundizzjoni tal-katina giet stabbilita u affermata mill-preponderanza tax-xhieda tal-esperti *ex parte* prodotti in prim'istanza fir-rigward.

73. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi hija gustifikata d-decizjoni tal-ewwel Qorti li ssib li l-appellanti, bhala l-persuna li kellha l-kontroll effettiv tal-'Gran Michelangelo' kif ukoll bhala l-persuna li kienet qed tinqeda bl-irmigg ghall-uzu ta' dan il-bastiment, kellha tassigura li ma ssirx hsara bl-uzu li ghamlet sew minn dan il-bastiment sewwasew mill-irmigg in dizamina. In-nuqqas ta' uzu ta' dan il-grad ta' diligenza isarraf f'negligenza skont il-principji generali tal-*culpa aquiliana*. Ghalhekk, din il-Qorti ma tqisx li ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti.

74. L-appellanti tilmenta finalment illi l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni, fuq il-provi in atti, li l-incident gara minhabba *force majeur*e, u tghid illi minkejja li l-ewwel Qorti dehret propensa tiddeciedi li kien hemm fattur ta' *force majeure*, dan baqghet ma kkunsidratux ghaliex ma

gietx imressqa difiza f'dan is-sens mill-konvenuti li, minflok, cahdu li kienu negligenti.

75. L-attur appellat ma jidhrix li indirizza dan l-aggravju b'mod specifiku fir-risposta tal-appell tieghu.

76. Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju ma jistax jigi meqjus li huwa gustifikat, u dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, billi l-ewwel Qorti, konfortata minn din il-Qorti, irriskontrat negligenza da parti tal-appellanti a tenur tal-artikolu fuq citat, din il-konkluzjoni fiha nnifisha hija bizzejjed biex teskludi li l-qtugh tal-katina, u kwindi l-iskontru bejn id-dghajjes, sar minhabba forza magguri. Ghalhekk, l-appellanti ma tistax tibbenifika mid-disposizzjoni tal-Artikolu 1029 tal-imsemmi kodici.

77. Oltre dan u, irrispettivament mill-konsiderazzjoni appena maghmula, din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi, kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, ma giet sollevata ebda eccezzjoni li s-sinistru sehh minhabba forza magguri. Il-fatt wahdu illi l-Ing. Daniel Grima accenna, fir-rapport tieghu dwar il-hsarat sofferti mill-'Ocean Lady', li l-hsarat setghu gew ikkawzati minhabba "*a casualty of nature*", ma jghinx biex jaghti sostenn lil dan l-aggravju tal-appellanti. Dan ghaliex ir-rapport ta' dan l-espert *ex parte* prodott minn Dieter Achtelstetter [u mhux mill-appellanti] ma sarx, kif *del resto* kkonferma l-espert meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, bl-

iskop li jiddetermina d-dinamika tal-incident, izda li jaghti stimi tal-hsara ghall-finijiet ta' assigurazzjoni.

78. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kellha ragun tiskarta, fic-cirkostanzi, il-konsiderazzjoni jekk ghall-akkadut jahtix il-*force majeur*e. Madankollu, kif fuq premess tirrizulta l-culpa da parti tas-socjeta` appellanti.

**Ir-Raba' Aggravju**

79. Hawnhekk l-appellanti tirribadixxi li d-danni li soffriet il-'Capitan San Marco' gew ikkawzati direttament bl-impatt li kellha mal-jott 'Ocean Lady' li huma l-unici dghajjes tal-hadid involuti f'dan l-episodju. Skont l-appellanti l-'Gran Michelangelo' ma kkontribwixxa b'ebda mod ghad-danni reklamati mill-attur ghaliex iz-zewg bastimenti ma gewx in kuntatt ma' xulxin. Issostni wkoll li l-istima tad-danni sofferti fil-bastiment tal-attur u d-danni attwalment kwantifikati mill-ewwel Qorti, huma esagerati u illi l-ewwel Qorti ma messitx addottat l-istima tal-Ing. Joe Amato dwar id-danni ghat-tiswija tal-hsarat izda messa hatret espert in materja biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

80. Din il-Qorti tosserva li inkwantu ghall-ewwel binarju ta' dan l-aggravju, huwa evidenti illi dan huwa sorvolat bid-decizjoni ta' din il-Qorti li tichad l-aggravju li jittratta r-responsabbilita` ghall-incident li

kkaguna d-danni pretizi mill-attur. Ghall-bqija, jinghad illi, galadarba l-appellanti kienet u evidentement ghadha tal-fehma li d-danni reklamati mill-attur u konstatati mill-espert *ex parte* tal-istess attur, kienu esagerati, kien inkombenti fuqha li tipproduci xhieda u provi kuntrarji anke permezz ta' esperti *ex parte* mahtura minnha. Izda l-appellanti naqset palezement milli tressaq provi kuntrarji.

81. Din il-Qorti tqis ukoll li l-ewwel Qorti ma kellha ebda obbligu li tahtar esperti gudizzjarji biex jghinuha tasal ghal decizjoni dwar id-danni reklamati mill-attur, jekk l-istess attur ressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu u jekk kienet l-appellanti li kienet qed tikkontesta l-*quantum* ta' dawn id-danni. Min jallega jrid jipprova, u billi huwa evidenti li l-appellanti naqset kompletament milli tipproduci xhieda u evidenza li jikkontradicu l-istima tal-attur, kif ukoll milli turi kif il-*quantum* pretiz huwa esagerat jew eccessiv allura – *imputet sibi*.

82. Jigi osservat illi wahedha, l-eccezzjoni fir-risposta guramentata dwar kontestazzjoni tal-*quantum* pretiz, m'hijiex bizzejjed biex tnaqqas mill-piz probatorju tal-evidenza prodotta mill-attur dwar id-danni reklamati u f'dan il-kaz, l-appellanti ma ressqet ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tkun sorpriza li l-ewwel Qorti deherilha li kellha tichad din l-eccezzjoni, u din il-Qorti ma

tarax raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-konkluzjoni ta' dik il-Qorti fir-rigward.

83. Rigward id-danni pretizi[20] mill-appellanti din il-Qorti tosserva li, billi ikkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti li r-responsabbilita` ghall-akkadut instabet li hija tas-socjeta` Fish and Fish Limited u mhux tal-attur, isegwi necessarjament li ma kien hemm ebda danni x'jigu likwidati favur tal-istess appellanti jew sid il-bastiment fil-konfront tal-attur; konsegwentement dan l-ilment ser jigi respint.

84. Finalment, u b'referenza ghat-talba fir-rikors tal-appell tal-appellanti biex din il-Qorti "*Tirrevoka u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellant u tirrevoka u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-appellant*" ikun f'loku li jigi osservat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti diga` giet deciza – u michuda – b'sentenza *in parte* moghtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta' April 2008.[21] Din il-Qorti tosserva li, filwaqt li m'hemmx dubju li l-appellanti setghet tinterponi appell minn din is-sentenza parzjali, flimkien ma' l-appell mis-sentenza finali, fil-kaz tal-lum jirrizulta illi l-istess appellanti mhux talli ma semmiet imkien fir-rikors tal-appell taghha s-sentenza in parte moghtija fit-30 ta' April 2008 li ddecidiet il-mertu ta' dik l-eccezzjoni, izda talli lanqas ressqet aggravju fir-rikors ta'

---

[20] Li huwa l-meritu tal-kawza 7/2007
[21] Din l-eccezzjoni testwalment taqra hekk:
*"1. Illi t-talbiet attrici in kwantu rivolti lejn is-socjeta` eccipjenti Fish and Fish Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma hemm assolutament ebda relazzjoni jew involviment guridiku bejn l-attrici noe u l-imsemmija socjeta`."*

appell taghha, li jittratta d-decizjoni moghtija dwar l-imsemmija eccezzjoni. Evidentement, l-unika sentenza msemmija mill-appellant fir-rikors tal-appell hija s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2013.

85. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, minkejja t-talba espressament maghmula mill-appellanti fir-rikors tal-appell biex tilqa' l-ewwel eccezzjoni minnha sollevata fir-risposta guramentata, din il-Qorti tqis li billi d-decizjoni fis-sentenza tat-30 ta' April 2008 ma tinkwadrax fil-limiti tal-kontestazzjonijiet li jifformaw il-mertu ta' dan l-appell, hija prekluza milli tiddeciedi din it-talba u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

86. Ghaldaqstant din il-Qorti, billi hi tal-fehma li dan l-aggravju mhuwiex gustifikat, ser tichdu

**L-Appell Incidentali tal-Attur**

87. Permezz ta' appell incidentali minnu interpost mis-sentenza appellata, l-attur jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li llikwidat biss danni ghall-ispejjez tat-tiswija tal-bastiment tieghu, izda mhux ukoll danni rapprezentanti telf ta' dhul minnu soffert bhala konsegwenza tal-incident li, *del resto*, gie stabbilit li gara unikament tort tal-operatur tal-bastiment 'Gran Michelangelo'.

88. L-attur jghid illi l-bastiment tieghu kien jintuza esklussivament ghal skopijiet kummercjali u l-fatt li l-bastiment ma hadimx fis-sena 2005, li hi s-sena meta sehh is-sinistru li kkaguna l-hsarat fil-bastiment, u l-fatt li l-bastiment ma rrendiex qligh ma kellux iwassal lill-ewwel Qorti li tiddeciedi li ma kienx hemm telf ta' qligh. Skont l-attur, gie ampjament ippruvat il-qligh maghmul precedentement mill-operat tal-bastiment, u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet facilment tipprospetta u tillikwida telf ta' qligh potenzjali.

89. Is-socjeta` konvenuta tikkontendi li l-ewwel Qorti kellha ragun tichad it-talba attrici ghal-likwidazzjoni tad-danni in linea ta' telf ta' qligh mhux biss ghaliex kienet mankanti l-prova li fis-sena 2005 il-bastiment ma rrendiex qligh, izda wkoll minhabba diversi fatturi ohra inkluz il-fatt li l-bastiment kien operat mill-attur flimkien ma' huh gewwa l-Libanu; wara l-mewt ta' hu l-attur, il-bastiment gie Malta u qatt ma rega' hadem; u l-kuncett tar-rizarciment tad-danni kontemplat mill-Artikoli 1045 u 1135 tal-Kodici Civili ma jirravvizax danni li ma gewx attwalment sofferti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

90. Il-Qorti tosserva li ma jistax il-qligh li l-attur jitlob il-hlas tieghu f'dan il-kaz, jigi meqjus bhala qligh attwali fis-sens imfisser fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili, ghaliex l-operazzjoni kummercjali tal-bastiment kienet ilha iktar minn sena li twaqqfet u wara li l-attur gie Malta bil-

bastiment, ma jirrizultax li dan qatt ntuza' ghal skopijiet kummercjali, wisq anqas irrenda xi qligh ghall-attur. Ghalhekk, il-qligh li l-attur jghid li kien jirrendi l-bastiment qabel, f'cirkostanzi kompletament differenti, zgur ma huwiex wiehed attwali kif irid l-Artikolu 1045.

91. Din il-Qorti zzid ukoll li t-talba ghal-likwidazzjoni u rizarciment ta' danni konsistenti f'telf ta' qligh attwali, tista' tkun gustifikabbli biss f'kaz li l-qligh relattiv ikun gie mitluf, minhabba appuntu l-att dannuz, ghaliex kif inhuwa risaput, irid jigi ppruvat ness kawzali dirett bejn l-event dannuz u d-danni reklamati. Fil-kaz odjern, dan in-ness huwa manifestament karenti. L-attur ma rnexxilux juri li l-qliegh li kien jiggenera l-bastiment fis-sena 2004, intilef minhabba l-hsarat sofferti fil-bastiment bhala rizultat tal-iskontru mal-'Gran Michelangelo'. Huwa inkontestat illi l-provi li kkampa fuqhom l-attur in sostenn tal-pretensjoni tieghu li sofra telf fil-qligh iggenerat mill-bastiment, kienu provi dwar <u>qligh iggenerat iktar minn sena qabel</u>. L-attur ma ressaq ebda prova kwalsiasi biex juri li kien hemm xi prospett konkret ta' intrapriza kummercjali li fiha l-bastiment kien progettat li jippartecipa biex jiggenera qligh izda li, minhabba l-hsarat li soffra fis-sinistru in dizamina, dan il-progett sfaxxa u l-qligh progettat intilef. F'din l-ipotesi biss, seta' jkollha success it-talba attrici ghal-likwidazzjoni u hlas ta' telf ta' qligh prospettat.

92. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li hemm ragunijiet tajbin biex tiddisturba d-decizjoni tas-sentenza appellata fir-rigward u ghalhekk l-aggravju tal-attur qed jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; tiddisponi mill-appell incidentali billi tichdu.

L-ispejjez tal-appell principali jkunu a karigu tas-socjeta` Fish and Fish Limited, filwaqt li dawk tal-appell incidentali jbatihom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
Id